MFA 13



SPORTS & EXERCISE 25



FOOTBALL TAT-TFAJLIET 26




Nru. 107 Frar 2016

# SPORTIV







**SportMalta Awards**
L-għażliet għall-2015 **30**

**Simone Farina**
Il-player li qal "le" għall-korruzzjoni, il-mistieden speċjali **32**

**Snooker & Pool**
5-a-side Kampjonati Nazzjonali tal-Eight Ball **38**


**Kompetizzjoni**
**Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport**

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

## Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Frar 2016



Jesmond Moore
*Editur*

L-aktar avveniment li spikka matul dan ix-xahar kien li SportMalta Awards - l-Għażliet Sportivi Nazzjonali - fejn id-dixxiplina tal-waterpolo reġgħet iddistingwiet lilha nnifisha grazzi għall-kwalifikazzjoni għall-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew matul ix-xahar li għadda, fis-Serbja.

Il-qofol ta' din is-serata kien l-għażla tal-Isportiv tas-Sena liema unur ntrebaħ mill-player tal-waterpolo (ta' Neptunes) Steve Camilleri li fil-Kampjonat Ewropew spiċċa bħala l-aqwa skorer.

Intant, fil-Kampjonat Premier ingħata bidu għat-Tieni Fażi, bil-leaders Valletta qed jiġu segwiti minn erba' timijiet fejn, milli jidher, kollox se jibqa' inċert sal-aħħar ... bil-logħba li ttemm il-Kampjonat tkun dik bejn Valletta u Hibernians li bħalissa d-distakk ta' bejniethom huwa ta' żewġ punti biss ... hekk kif kull team irid jilgħab 10 partiti.

Anke l-kampjonati tad-diviżjonijiet inferjuri ... jidhru li se jibqgħu inċerti sal-aħħar.



**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur ta' li Sportiv tas-Sena fil-SportMalta Awards?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2016:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 106 hija:* **Turkija**

*Ir-rebbieħa hija:* Ms J. Falzon (Marsa)





# Favur l-ambjent: Rata attraenti

Il-BOV ECO Personal Loan tista' tiffinanzja l-karozza ibrida u l-vettura elettrika ġodda tiegħek jew il-konverżjoni tal-magni bil-mutur biex jaħdmu bl-autogas. Tista' tiffinanzja wkoll ix-xiri ta' muturi, vetturi bil-mutur ġodda b'emissjonijiet tas-$CO^2$ inqas minn 100g/km u vetturi bil-mutur ġodda li għandhom il-livell tal-emissjonijiet tas-$CO^2$ taħt il-130g/km sakemm fl-istess ħin tkun qed tiskreppja vettura bil-mutur oħra taħt l-Iskema attwali tal-Gvern ta' Skreppjar ta' Vetturi.

**RATA SPEĊJALI TA'**

**4.85% p.a.**

*impenn lejn is-suċċess tiegħek*

**BOV ECO PERSONAL LOAN**

Eżempju rappreżentattiv ta' 'BOV Eco Personal Loan' fuq self ta' €10,000 mogħti minn Bank of Valletta p.l.c. bir-rata varjabbli ta' interessi ta' 4.85% fis-sena (marġini ta' interess ta' 2.40% fuq il-'Consumer Lending Bank Base Rate' ta' 2.45%). L-APR tammonta għal 5.03% fis-sena u s-self jitħallas f'erbgħa u tmenin rata mensili ugwali ta' Eur140.95 fuq perjodu ta' seba' snin. Is-somma totali pagabbli fuq dan il-perjodu, kemm-il darba r-rata varjabbli ta' interessi ma tinbidilx, tkun ta' €11,839.80 li minnha €10,000 huma kapital u €1,839.80 interessi. Ma tapplika l-ebda tariffa ghall-ipprocessar tas-self.

Is-self personali huwa suġġett għall-kriterji normali tà self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. It-terminu tà self ma jistax ikun aktar mill-età tal-irtirar. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

BOV

Bank of Valletta




**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

Ħarġa nru.
**107**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900272
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Mario Mercieca
Ryan Bezzina
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Chris Agius, fl-indirizz tiegħu waqt l-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2015

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.




# Werrej

**6 MFA**
Il-Ministru Konrad Mizzi jżur l-MFA

**16 Kampjonat Premier**
Il-leaders Valletta segwiti minn erba' timijiet

**21 L-Ewwel Diviżjoni**
Gzira U. jibqgħu bi tliet punti vantaġġ

**22 It-Tieni Diviżjoni**
It-taqtiegħa bejn tliet timijiet

**23 It-Tielet Diviżjoni**
Marsaxlokk fil-quċċata b'partita inqas

**24 BOV Players tax-Xahar**
Alan Da Silva Souza l-aħjar Player fil-Premier

**25 Sports & Exercise**
Calf pain in athletes

**26 Football tan-Nisa**
Esperjenza ġdida għat-team nazzjonali ta' Taħt is-16-il sena

**28 Youth FA**
Tingħata għajnuna finanzjarja lin-nurseries

**30 SportMalta Awards**
Isiru l-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2015

**32 SportMalta Awards**
Simone Farina

**34 SportMalta**
Move 360 - Proġett pilota varat minn SportMalta

**38 Snooker & Pool**
Il-Malta Eight Ball Federation 5-a-side Kampjonati Nazzjonali

**40 Gozo Sports**
Charlton Debono Champion Nazzjonali

**42 Meusac**
L-Integrità fl-Isport fl-UE

**44 Storja tal-Football Malti**
Hibernians jibdew id-difiża tat-titlu bi draw

**46 Kriss Kross/ Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt

# Il-Ministru Konrad Mizzi jżur il-faċilitajiet tal-MFA f'Ta' Qali



Il-Ministru tas-Saħħa u l-Enerġija, Konrad Mizzi, matul dan ix-xahar żar ix-xogħlijiet li saru fl-MFA f'dawn l-aħħar xhur fosthom l-investiment relatat ma' sistema ġdida ta' dawl artifiċjali fit-training grounds fejn il-Gvern ċentrali, grazzi għall-fondi speċjali, ta kontribut siewi lill-Assoċjazzjoni biex dan il-proġett seta' jitwettaq.

Mizzi sab ukoll l-opportunità biex iżur l-uffiċini tal-Assoċjazzjoni u jiltaqa' mal-impjegati li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-MFA. Huwa kellu laqgħa mal-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, u s-Segretarju Ġenerali, Bjorn Vassallo.
Imbagħad, wara l-laqgħa, l-Ministru Mizzi żar il-klinika li tispeċjalizza fil-mediċina sportiva, il-pixxina u l-gym li jinsabu fl-istess kumpless, f'Ta' Qali.

Mill-uffiċini, il-Ministru Mizzi kompla ż-żjara tiegħu billi żar il-post fejn fi ftit ġimgħat oħra se jkunu nsallati pannelli fotovoltajiċi, proġett ieħor li qiegħda taħdem fuqu l-Assoċjazzjoni Maltija tal-futbol. Il-proġett huwa wieħed ambizzjuż ħafna li mistenni jgħin lill-ambjent u jnaqqas l-implikazzjonijiet ekoloġiċi.

L-aħħar waqfa għall-Ministru Mizzi kienet fl-uffiċini taċ-Ċentru Tekniku fejn sab lid-Direttur Tekniku, Robert Gatt u l-Operations Manager, Jesmond Abela, li laqqgħuh mal-impjegati u kowċis kollha fi ħdan iċ-Ċentru.

Il-Ministru Konrad Mizzi feraħ lill-impjegati kollha u lill-Malta Football Association tal-ħidma kbira fis-settur sportiv u tenna s-sodisfazzjon tiegħu f'isem il-Gvern għall-investimenti mportanti li l-Assoċjazzjoni qiegħda tagħmel.




# Ippreżentati ċekkijiet lin-nurseries u l-klabbs tal-UEFA Solidarity Funds

Il-president tal-Malta Football Association, Norman Darmanin Demajo, qal li l-klabbs Maltin għandhom jinvestu aktar fin-nurseries tagħhom u jpoġġuhom prioirità fil-mira ta' fejn għandhom jonfqu flushom għall-futur tal-futbol f'Malta u għall-futur tal-klabb tagħhom stess.
"Meta wieħed jara l-ammonti li jintefqu fi klabb, inkompli ngħid b'konvinzjoni li kulħadd jista' jgħin u jinvesti aktar fin-nursery tiegħu."

Is-Sur Darmanin Demajo qal dan id-diskors waqt serata li fiha The Youth Football Association organizzat l-Annual Drinks tagħha u li għaliha attendew uffiċjali għolja tal-Malta Football Association, flimkien mad-Direttur Tekniku, l-sponsors ewlenin fosthom APS Bank, Liquigas Malta u Sports Experience, kif ukoll rappreżentanti min-nurseries.

Waqt l-indirizz tiegħu, il-president tal-Youth FA, Fr Hilary Tagliaferro, saħaq dwar l-importanza li n-nurseries ikollhom amministrazzjoni b'saħħitha u li eventwalment għandha twassal għall-iżvilupp aħjar taż-żgħażagħ li jagħżlu li jilagħbu l-football fin-nurseries tagħna. Semma' wkoll li fil-ġimgħat li ġejjin, il-Youth FA se taħdem mal-MFA u ċ-Ċentru Tekniku biex isir tibdil fis-sistemi tal-liċenzjar tan-nurseries. Huwa qal ukoll li kif kienet wegħdet il-Youth FA, ser issir laqgħa man-nurseries sabiex jiġi diskuss l-andament tal-kampjonat li jinsab fit-tieni sena tiegħu.

Matul din is-serata s-Sur Steve Muscat, Chief Financial Officer f'isem Liquigas Malta, u Fr Hilary Tagliaferro, iffirmaw kuntratt ġdid ta' tliet snin fejn Liquigas se jipprovdu medical oxygen cylinders fil-grawnds fejn jintlagħbu l-kampjonati tal-Youth FA sabiex dawn ikunu attrezzati f'każ ta' xi emerġenza. Is-Sur Steve Muscat stqarr li Liquigas tħoss li għandha tagħti s-sapport tagħha lill-football taż-żgħażagħ u għalhekk għażlet li ġġedded il-ftehim tagħha mal-Youth FA għall-beneficċju tan-nurseries in ġenerali u l-grawnds li jospitaw il-logħob.

Fl-aħħar ta' din l-attività, l-amministrazzjoni tal-MFA żammet il-wegħda tagħha billi l-president, apparti li ppreżenta ċekkijiet lin-nurseries tal-UEFA Solidarity Funds għall-istaġun 2014/15, ippreżenta wkoll it-tieni u l-aħħar parti tal-arretrati li kienu dovuti lin-nurseries u l-klabbs tal-futbol wara li dawn kienu nżammu mill-MFA mingħajr l-awtorizzazzjoni fl-istaġuni bejn l-2002 u l-2008.

# Erba' partiti ta' ħbiberija għat-tim nazzjonali Malti



It-tim nazzjonali Malti, mmexxi minn Pietro Ghedin, se jilgħab erba' partiti ta' ħbiberija fix-xhur li ġejjin qabel l-ewwel impenn uffiċjali kontra l-Iskozja fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, mill-Grupp ta' Kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2018.

Dawn il-partiti huma kontra l-Moldova fl-24 ta' Marzu 2016, fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali; kontra r-Repubblika Ċeka u l-Awstrija fis-27 u l-31 ta' Mejju, fi training camp li t-tim nazzjonali se jkun qed jagħmel fl-Awstrija stess, u kontra l-Estonja, f'Talinn, fil-31 ta' Awwissu.

Dawn id-dati u l-partiti kienu kkonfermati mill-president tal-Malta Football Association, Norman Darmanin Demajo, fil-Kunsill tal-MFA li sar fit-3 ta' Frar li għadda.

# Malta tospita t-training camps għal timijiet professjonali barranin



Bħalissa, Malta qiegħda tospita training camps għal timijiet professjonali barranin li qegħdin jiġu fostna biex iwettqu parti mit-taħriġ fil-perijodu tax-xitwa meta uħud mill-kampjonati fl-Ewropa jkunu wieqfa minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi.

Timijiet bħal PSV Eindhoven FC tal-Olanda, Legia Warsaw FC tal-Polonja, Terek Grozny FC tar-Russja, Stabaek Fotball tan-Norveġja, Viktoria Plzen tar-Repubblika Ċeka u Staebek JF u Aalesunds FK tan-Norveġja u oħrajn ġew jew se jiġu f'Malta f'dawn iż-żminijiet fejn bosta minnhom lagħbu wkoll partiti ta' ħbiberija kontra timijiet lokali.

Dawn it-timijiet qegħdin jiġu f'pajjiżna grazzi għall-kollaborazzjoni li teżisti bejn l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, is-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport u l-Malta Football Association mal-kumpanija SLFC li tmexxi l-kumpanija Malta Training Camps.

It-taħriġ kollu qiegħed isir fil-faċilitajiet tal-MFA f'Ta' Qali, f'dawk ta' Hibernians FC f'Kordin u kif ukoll fil-Gozo Stadium propjeta' tal-GFA.

Fix-xhur bejn Marzu u April aktar timijiet barranin mistennija jiġu Malta grazzi għal kuntratt li l-MFA għandha mall-kumpanija Svizzera, Travel Club. Huwa fatt li l-futbol jikkontribwixxi bil-kbir fit-turiżmu sportiv li jirnexxielu jiġbed pajjiżna.

# Il-UEFA se tesperimenta bil-karta l-bajda f'Malta



Il-UEFA informat lill-MFA li għall-UEFA Development Tournaments tal-bniet u tas-subien ta' Taħt is-18-il sena li se jsiru f'Malta fi żmien il-Karnival u l-Għid il-Kbir, se tintroduċi r-regolament il-ġdid tas-*sin bin*.

Is-*sin bin* hi karta bajda li plejer jintwera u li biha ma jkunx jista' jipparteċipa fil-logħba għal tmien minuti. Dan tħabbar mill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-MFA. Is-*sin bin* diġà tintuża fi sport ieħor bħall-Ice Hockey u l-Waterpolo fost l-oħrajn.




# Isir it-tmien festival annwali tal-futsal

Is-suċċess miksub fil-festivals annwali tal-futsal fis-snin li għaddew, reġa' ta prova u evidenza tal-popolaritá li jgawdi l-futsal f'pajjiżna meta fil-11 ta' Jannar li għadda, fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, sar it-tmien festival annwali tal-futsal.

Dan il-festival annwali jinvolvi 1,600 tifel u tifla li jirrappreżentaw 60 skola differenti minn madwar il-gżira. Fl-ewwel fażi, l-għalliema għażlu t-tim li jrid jirrappreżenta l-iskola tagħhom biex l-istess skejjel ikkompetew kontra xulxin. Fit-tieni u l-aħħar fażi, it-timijiet li kkwalifikaw reġgħu rrappreżentaw lill-kulleġġ tagħhom.

Waqt dan il-festival, wieħed seta' jara l-ferħ fuq wiċċ it-tfal li laħaq il-qofol tiegħu hekk kif ingħataw basktijiet b'tifkiriet tal-okkażjoni.

Dan il-festival kellu wkoll l-introduzzjoni tar-referee femminili ġdida tal-futsal tal-MFA, Dora Jakab, li kienet parti mit-tim tar-referees l-oħra li mexxew dawn il-partiti.

Iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA bi pjaċir reġa' appoġġa l-iSport Promotion Unit fi ħdan Sport Malta biex jagħti esperjenza mill-isbaħ lit-tfal Maltin u introduċa l-futsal bħala avveniment indoor.

L-istaff tekniku tal-MFA kienu preżenti għal dan it-tournament li kellu l-appoġġ ukoll ta' TeamSport u General Soft Drinks Ltd. Is-sinjorina Maria Mifsud, Deputat Segretarju tal-MFA u s-sur Robert Portelli f'isem Sport Malta, ikkordinaw l-organizzazzjoni tal-avveniment.

## FOOTBALL INTEGRITY SEMINAR

# "PLAY IT STRAIGHT"





Matul dan ix-xahar, ġiet organizzata sessjoni edukattiva fis-Centenary Hall, f'Ta' Qali, bħala parti mill-kampanja li għaddejja kontra l-match-fixing. Il-kowċis u l-istaff tekniku tat-timijiet nazzjonali Malti, flimkien ma' diversi rappreżentanti minn klabbs differenti attendew għal dan is-seminar.

Il-mistieden prinċipali għal dan is-seminar kien Simone Farina, eks-plejer Taljan li kien kixef skandlu dwar match-fixing fiż-żmien meta kien jilgħab. Illum iservi bħala Ambaxxatur tal-FIFA u jipparteċipa f'avvenimenti madwar l-Ewropa biex jitkellem fuq l-esperjenza tiegħu. Hu kien mistieden f'Malta minn SportMalta fl-okkażjoni ta' li SportMalta Awards 2015.

Is-seminar infetaħ minn Dr Chris Bonett, Viċi-President tal-MFA, li laqa' lil Farina u faħħar il-kuraġġ li kellu biex waqaf għall-kriminalitá fil-futbol. Bonett qal li l-MFA qiegħda tħares lejn dan l-ewwel seminar ma' Farina bħala l-ewwel minn kollaborazzjoni u aktar xogħol fil-futur.

Il-viċi-president qal li l-MFA hija kommessa li tiddefeni l-integritá fil-futbol u m'hu se tħalli lil ħadd jipprova jħammeġ lil dan l-isport.

# Diskussjoni dwar il-match-fixing u l-logħob tal-azzard




It-tim ta' Taħt id-19-il sena ta' Qormi FC, kellu sessjoni nformattiva ħafna kontra l-match-fixing u l-logħob tal-azzard, li saret fil-kumpless sportiv tal-klabb stess.

Kienet inizjattiva ta' Qormi FC stess li talbet għas-servizzi tal-Integrity Officer tal-MFA, Franz Tabone, biex jindirizza lill-plejers żgħażagħ tal-klabb u jispjegalhom bl-iżviluppi l-ġodda fix-xenarju tal-imħatri sportivi.

Kien importanti ħafna li dawn iż-żgħażagħ jitgħallmu dwar ċerti affarijiet illeċiti tal-futbol u jifhmu aktar id-dixxiplina legali u sportiva u r-responsabbilitajiet tagħha.

Il-grupp preżenti għal din il-lezzjoni semgħu b'attenzjoni dak li kellu xi jgħid l-Integrity Officer fejn ġew spjegati lilhom realtajiet li jduru mal-logħba fejn tidħol korruzzjoni.

Il-lezzjoni kienet indirizzata lit-timijiet tal-Youths ta' Qormi FC iżda kienet miftuħa wkoll għall-plejers, uffiċjali u amministraturi kollha.

Għal aktar informazzjoni, il-klabbs għandhom jagħmlu kuntatt mal-Integrity Officer tal-MFA permezz tal-email: franz.tabone@mfa.com.mt

Il-Malta Football Association tippromwovi diskussjonijiet bħal dawn biex tkompli tkabbar l-għarfien tal-plejers u l-amministraturi u tnaqqas ir-riskji relatati mal-korruzzjoni fl-isport.

# Luca Pagani

## MISTIEDEN MINN OPTA

Luca Pagani, il-preparatur atletiku tat-tim nazzjonali Malti, kien il-mistieden tal-OPTA, biex jieħu sehem f'forum tal-Optapro Analytic,s li sar f'Londra.

Dan il-forum sar fl-10 ta' Frar fl-universitá ta' Senate House, Birkbeck, u għalih kienu mistiedna diversi esperti li janalizzaw il-partita.

F'dan il-forum kienu mistiedna l-analisti tal-partiti ta' klabbs ta' Barcelona, Manchester United, Arsenal, Milan, Roma u Chelsea, fost l-oħrajn.

Il-Malta Football Association kienet l-unika Assoċjazzjoni preżenti għal dan il-forum.






## Italja vs Skozja:
## Fl-Istadium Nazzjonali fid-29 ta' Mejju li ġej

Il-Malta Football Association tikkonferma li t-tim nazzjonali Taljan u t-tim nazzjonali Skoċċiż, laħqu ftehim biex jilagħbu partita ta' ħbiberija bejniethom fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta Qali fid-29 ta' Mejju li ġej.

Din il-partita se ssir bi tħejjija l-aktar għat-tim nazzjonali Taljan, immexxi minn Antonio Conte, qabel il-Euro 2016 fi Franza.

Il-partita se tkun organizzata minn kumpanija privata internazzjonali u aktar dettalji inkluż il-ħin u l-prezzijiet tal-biljetti tad-dħul jingħataw f'konferenza stampa fil-ġimgħat li ġejjin.

# Titħabbar il-mewt tas-Sur David Bianchi

Il-Malta Football Association uriet is-sogħba għall-mewt tas-Sur David Bianchi, Segretarju Ġenerali ta' Luxol St. Andrew's FC.

Is-Sur Bianchi kien ilu għal dawn l-aħħar snin jagħti kontribut lill-futbol Malti bħala eks-Membru tal-Kunsill tal-MFA u Membru f'diversi Bordijiet u Kumitati oħra tal-Assoċjazzjoni. Għal dawn l-aħħar snin, is-Sur Bianchi kien ukoll wieħed mill-impjegati tal-Assoċjazzjoni fid-Dipartiment Internazzjonali.

Is-Sur Bianchi kien meqjus minn ħafna bħala raġel sinċier u ta' prinċipju u li dejjem wettaq id-dmirijiet tiegħu b'lealtá kbira.






# Clayton Pisani

## jirbaħ l-unur tal-Uffiċjal tas-Sena






Clayton Pisani, ir-referi internazzjonali Malti fuq il-Panel tal-FIFA, rebaħ l-unur tal-Uffiċjal tas-Sena, fis-serata ta' SportMalta Awards l-Għażliet Nazzjonali, li saret is-Sibt 14 ta' Frar, f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fil-Belt Valletta.

Matul is-sena li għaddiet, Clayton Pisani ġie promoss għall-kategorija tal-ewwel Klassi tal-UEFA u ġie maħtur sabiex jirreffja żewġ logħbiet tal-kwalifikazzjoni Ewropea inklużi r-rebbieħa tat-Tazza tad-Dinja l-Ġermanja u għall-ewwel darba għal referee Malti partita tal-UEFA Europa League. Għal darbtejn attenda b'suċċess il-kors avvanzat tal-UEFA għall-aqwa referees li kienu jinkludu testijiet fiżiċi.

Pisani beda jirreffja, fl-1994, fl-età ta' 16-il sena. Il-logħba tad-29 ta' Awwissu, 2003, bejn Hamrun Spartans u Pietà Hotspurs, kienet l-ewwel logħba li rreffja fil-Kampjonat Premier. Minn dakinhar huwa rreffja total ta' 145 logħba fil-Premier u 25 logħba internazzjonali.

Wara li sar referee tal-FIFA fil-bidu tal-2009, huwa għamel id-debutt internazzjonali f'logħba mill-Kampjonat tal-UEFA ta' Taħt is-17-il sena bejn l-Iskozja u l-Georgia, li ntlagħbet fl-Awstrija, fl-20 ta' Marzu, 2009.

F'Diċembru, 2013, huwa ġie promoss fit-tieni kategorija tal-UEFA filwaqt li, fl-2014, ġie promoss għall-ewwel kategorija tal-UEFA.

Fil-Kampjonat Premier, huwa ddebutta nhar id-29 ta' Awwissu, 2003, fir-rebħa ta' Pietá Hotspurs fuq Hamrun Spartans bl-iskor ta' 3-0. Dak in-nhar, huwa kien assistit minn Philip Agius u Alan Mario Sant bir-raba' uffiċjal ikunu Mark Spiteri.

S'issa huwa kkontrolla xejn inqas minn 162 partita ... bit-tragward tal-150 jasal fis-7 ta' Frara, 2015, bil-partita bejn Naxxar Lions u Zebbug Rangers fejn kien megħjun minn Paul Apap, Sammy Attard u Fyodor Zammit.

Fi SportMalta Awards, Pisani temm fl-ewwel post mill-uffiċjali kollha li waslu sal-finali li kienu: Joe Caruana Curran mill-ASA, Jesmond Caruana mill-Weightlifting Malta, Joseph Muscat mill-MBA u Johan Pace mill-ASMK.

Fl-istess serata, Silvio Vella, kowċ nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, kien finalist fil-kategorija Kowċ tas-Sena u spiċċa fit-tieni post wara Karl Izzo, il-kowċ nazzjonali tat-tim tal-waterpolo. Il-kumplament tal-finalisti f'din il-kategorija kienu Albert Chun tal-Ġinnastika, Jesmond Giordimaina tal-Lotta u Rickard Volegesang tat-Ten Pin Bowling.



# IR-REFERI TA' FAMA MONDJALI FELIX BRYCH IL-MISTIEDEN SPEĊJALI WAQT SEMINAR TAR-REFERIS





Il-UEFA Elite Referee mill-Ġermanja, Dr Felix Brych, kien il-mistieden speċjali waqt is-seminar tax-xitwa organizzat mid-Dipartiment tar-Refereeing għar-referis u l-assessuri tagħhom ġewwa s-Centenary Hall, f'Ta' Qali, bejn id-9 u l-10 ta' Frar. It-tema ta' dan is-seminar kien The 3Ps: PLAN – PREPARE – PERFORM.

Il-preżentazzjoni ta' Felix Brych lill-parteċipanti kienet imsejħa Modern Football Refereeing u trattat id-diversi aspetti importanti relatati mal-preċiżjoni fil-moviment tar-referi sabiex jasal għall-preċizjoni fl-interventi tiegħu waqt partita futbol.

Felix Brych qasam ukoll l-esperjenzi tiegħu meta ppparteċipa fl-Olimpjadi ta' Londra fis-sena 2012 u t-Tazza tad-Dinja sentejn wara, ġewwa l-Brazil. Huwa ser ikun wieħed minn 18-il referi waqt il-EURO 2016, ġewwa Franza fi ftit xhur oħra. Fost il-partiti memorabbli li kkontrolla Felix Brych kien hemm il-finali tal-UEFA Europa League fis-sena 2014 bejn Sevilla u Benfica ġewwa Turin, b'tal-ewwel joħorġu rebbieħa wara l-għoti tal-penalties.

Kelliema oħrajn waqt dan is-seminar kienu d-Direttur tar-Refereeing, Adrian Casha, bit-tema Towards Achieving Excellent Performances, il-kowċ tar-referis Ronald Zammit li tratta t-tema Fatigue Management for Optimising Physical Performance, l-ispeċjalista fin-nutrizzjoni Dorianne Caruana Bonnici bi preżentazzjoni dwar Nutrition for Performance u l-kowċ tal-futbol Stephen Azzopardi li ta ħarsa lejn The Referee's Management of the Game – A Coach's Perspective.

Kif wieħed jista' jinduna mit-temi tal-preżentazzjonijiet differenti li saru lill-parteċipanti, l-objjettiv ewlieni ta' din l-attività kien l-aħjar preparazzjoni possibbli għar-referis u l-osservaturi tagħhom qabel ma tibda l-aħħar fażi tad-diversi kampjonati organizzati mill-MFA u l-assoċjazzjonijiet affiljati magħha.

# TRUSTIN FARRUGIA CANN U FYODOR ZAMMIT

## ĠEWWA ĊIPRU GĦAL KORS TAL-UEFA







Iż-żewġ referis internazzjonali ġodda, Trustin Farrugia Cann u Fyodor Zammit, attendew għall-25 edizzjoni tal-UEFA Introductory Course for International Referees li sar ġewwa Limassol, Ċipru, bejn il-31 ta' Jannar u l-4 ta' Frar.

Bosta mill-parteċipanti f'dan il-kors, fosthom iż-żewġ referis Maltin, kienu kisbu Refeereing Diploma mill-UEFA Centre of Refereeing Excellence (CORE), ġewwa Nyon fl-aħħar snin.

L-għan ewlieni ta' dan il-kors kien sabiex il-membri tal-UEFA Referees' Committee isir jaf mill-qrib il-kwalitajiet tar-referis internazzjonali ġodda Ewropej u jħejjijhom kemm mill-aspett tekniku kif ukoll mill-aspett fiżiku.

Fost il-materji trattati b'rabta mar-regolamenti tal-logħba waqt dan il-kors, kien hemm Management Control, Severity of Offences, Free Kick Management, Illegal use of the Arms, Simulation, Advantage, Handball u The Role and Responsibility of the Additional Assistant Referee. Preżentazzjonijiet oħrajn kienu dwar Accurate Assessment Under Pressure, Current Trends in Top Level Football u Match-Fixing Awareness.

Il-parteċipanti f'dan il-kors kienu wkoll jinħtiġilhom jgħaddu minn testijiet fiżiċi, fosthom dak tal-għajnejn kif ukoll test teoretiku dwar it-tħaddim u l-interpretazzjoni tar-regolamenti tal-logħba.

Kemm Trustin Farrugia Cann kif ukoll Fyodor Zammit ħallew impressjoni ferm tajba bil-parteċipazzjoni tagħhom, tant, li fi tmiem il-kors ġew appuntati għal tournaments taż-Żgħażagħ fir-Repubblika Ċeka u Spanja rispettivament fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu.

# Tliet uffiċjali jilħqu tragwardi differenti

Matul il-ġimgħat li għaddew, it-tliet referis, Alan Mario Sant, Malcolm Spiteri u Esther Azzopardi, laħqu tragwardi differenti fil-Kampjonat Premier.

Alan Mario Sant laħaq il-150 partita filwaqt li Malcolm Spiteri u Esther Azzopardi laħqu l-50 logħba personali.

Fil-Kampjonat Premier, Sant iddebutta nhar id-19 ta' Settembru, 2004, fir-rebħa ta' Floriana fuq St Patrick bl-iskor ta' 2-0, fl-Istadium Nazzjonali. Huwa kien megħjun minn Joe Camilleri u Edward Spiteri, bir-raba' uffiċjal ikun Joe Attard.

Il-150 partita waslet fil-21 ta' Novembru, 2015, fil-Victor Tedesco Stadium, fid-draw ta' 0-0 bejn Pembroke Athleta u Qormi. Huwa kien assistit minn Edward Spiteri u Peter Abela filwaqt li William Debattista kien ir-raba' uffiċjal.

Malcolm Spiteri ddebutta fl-ogħla diviżjoni fis-27 ta' Awwissu, 2011, fil-Hibernians Stadium, fir-rebħa ta' Floriana fuq Tarxien Rainbows bl-iskor ta' 2-1. Huwa kien assistit minn Konrad Borg u Chris Francalanza filwaqt li r-raba' uffiċjal kien Paul Caruana.

Il-50 partita tiegħu waslet nhar id-19 ta' Diċembru, 2015, fil-Hibernians Stadium, fir-rebħa ta' Tarxien Rainbows fuq Naxxar Lions bl-iskor ta' 4-0. L-assistenti referis kienu Alan Camilleri u Chris Francalanza filwaqt li Adrian Azzopardi kien ir-raba' uffiċjal.

Min-naħa ta' Esther Azzopardi, ikkontrollat l-ewwel logħba tagħha fil-Kampjonat Premier, fid-29 ta' Novembru, 2009, fir-rebħa ta' Birkirkara fuq Msida St Joseph bl-iskor ta' 4-1, fil-Hibernians Stadium. Alan Camilleri u Mariano Debono kienu l-assistenti referis u Anton Zammit kien ir-raba' uffiċjal.

Il-50 partita tagħha waslet fil-5 ta' Frar, li għadda, meta St Andrew's għelbu lil Naxxar Lions bl-iskor ta' 1-0, fil-Hibernians Stadium. Hija kienet megħjuna minn Luke Portelli u Martin Borg filwaqt li Sandro Spiteri kien ir-raba' uffiċjal.











# Il-leaders Valletta segwiti minn erba' timijiet



Kuntrarju għal dak li seħħ l-istaġun li għadda meta ċ-champions Hibernians litteralment ġrew bil-Kampjonat, it-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu hija mill-aktar interessanti hekk kif tidher li se tkun bejn ħames timijiet fejn il-leaders Valletta huma segwiti minn Hibernians, Balzan, Birkirkara u Floriana għalkemm wieħed irid jistqarr li dawn tal-aħħar huwa meqjusa bħala outsiders.

Matul dawn l-aħħar ħames partiti, hekk kif ingħata wkoll għall-bidu tat-Tieni Fażi wara li nqasmu l-punti bin-nofs, Valletta u Balzan kienu l-uniċi żewġ timijiet li rebħu l-partiti kollha filwaqt li Hibernians fallew żewġ punti meta ġew miżmuma fi draw ta' 2-2 minn St Andrew's li kien l-ewwel punt miksub mis-Saints dan l-istaġun.

Minkejja li Birkirkara qed "jiddiżappuntaw" huma xorta waħda qed iżommu l-pass bit-tamiet tagħhom li jirbħu xi unur għadhom ħajjin minħabba li jinsabu wkoll fil-kwarti-finali tal-FA Trophy ... b'Valletta u Hibernians jinsabu eliminati minn din il-kompetizzjoni.

Floriana jibqgħu jixħtu l-pressjoni fuq dawn l-erba' timijiet u jekk jibqgħu jżommu l-konsistenza, jidħlu wkoll biċ-ċans li anke jikkwalifikaw għal post fil-kompetizzjoni tal-UEFA Europa League.



Taqtiegħa għall-ballun bejn Angelo Javier Hungaria (Naxxar L.) u André Scicluna (Floriana)

Maqtugħin mit-tiġrija iżda jinsabu xxamplati f'nofs il-klassifika huma Tarxien Rainbows li jistgħu jużaw il-kumplament tal-istaġun bħala "preparazzjoni" għall-istaġun li ġej u għadhom ukoll jikkompetu fl-FA Trophy.

Mosta u Sliema Wanderers huma d-diżappunt ta' dan l-istaġun, tant, li jinsabu f'pożizzjoni li jistgħu jispiċċaw fil-play-off tar-relegazzjoni hekk kif fil-football jista' jiġri kollox. Għaldaqstant, biex ma jsirx dan iridu jirbħu l-konfronti diretti mat-timijiet ta' taħthom.

Pembroke Athleta, fl-ewwel avventura tagħhom fl-ogħla diviżjoni, jimmiraw li jsalvaw posthom ... bit-tliet timijiet ta' Naxxar Lions, Qormi u St Andrew's, jinsabu fit-taqbida tar-relegazzjoni ....




**Ryan Camilleri (Valletta) segwit minn Djamel Leeflang (Qormi)**




**Triston Caruana (Tarxien R.) fl-azzjoni kontra Mosta**




**Mario Fontanella (Floriana) attakkat minn Dylan Grima (Balzan)**




**Taqtiegħa għall-ballun bejn Enmy Pená Beltre (St Andrew's) u Juan Gill Cruz (Valletta)**




**Manuel Caruana (Tarxien R.) segwit minn Johann Bezzina (Sliema W.)**

## II Round

**Loghba Nru 113 - 27.01.2016 - 18.00 hrs**
**St Andrew's** 1
J. Farrugia 45 pen
**Birkirkara** 3
G. Mujanovic 17, V. Plut 57, F. Temile 90
HT 1-1 **National Stadium**

**St Andrew's** – 12-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pena' Beltre, 4-Dale Camilleri, 5-Che Bong Won, 6-Jonatan Perez Cuestra (21-Ryan Sammut 87), 7-Sorin Oproiescu, 9-Matteo Desira Buttigieg (17-Jacob Walker 80), 11-Joseph Farrugia, 13-Francis Chinatu Onwudinjo, 14-Kyrian Nwoko (20-Salomon Wisdom 64), 16-Eloy Edu Nkene
**Coach** – José Borg
**Birkirkara** – 1-Miroslav Kopric, 22-Cain Attard, 15-Nikola Vukanac, 3-Christian Bubalovic, 19-Joseph Zerafa, 4-Gareth Sciberras, 8-Edmond Agius (17-Frank Temile 57), 23-Edison David Blbao Zarate (20-Kurt Zammit 90), 11-Goran Mujanovic, 7-Ryan Camenzuli, 14-Vito Plut (21-Matthew Guillaumier 72)
**Coach** – Drazen Besek
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Alan Camilleri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – J. Zerafa, C. Bubalovic (B); S. Oproiescu (SA)

## II Round

**Loghba Nru 116 - 30.01.2016 - 16.00 hrs**
**Qormi** 0
**Naxxar Lions** 5
D. Toure 42, 55 pen., 76, O. Sidibe 63 og, X. Cekaj 87
HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Qormi** – 1-Andreas Vella, 27-Alessio Cassar (9-Clint Barbara 73), 2-Immy Micallef, 18-Ryan Micallef, 7-Kurt Magro, 20-Djamel Romano Leeflang Boestra, 14-Clifford Gauci, 29-Noah Olawale Ojuola, 6-Ousmane Sidibe, 17-Pietro Viggiani (10-Terence Vella 61), 5-Yannick Yankam
**Coach** – Johann Scicluna
**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ryan Gech, 7-Eduardo Vellacillo Casado, 9-Demba Toure (16-Jurgen Debono 85), 13-Josè Angel Godar Pereira, 19-David Fenech (23-Mark Fenech 88), 20-Angus Buhagiar, 21-Ennio Thomas Hamutenya, 26-Nikola Tasic, 28-Xhoeijan Cekaj
**Coach** – Clive Mizzi
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, David Castillo
**Raba' Uff.** – Luke Portelli
**Ammoniti** – A. Buhagiar (NL), R. Micallef (Q)

## II Round

**Loghba Nru 119 - 31.01.2016 - 16.00 hrs**
**Birkirkara** 0
**Floriana** 0
**National Stadium**

**Birkirkara** – 1-Miroslav Kopric, 22-Cain Attard, 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Mattias Latini Mazzelli, 4-Gareth Sciberras, 13-Mislav Andelhovic, 23-Edison David Zarate Bilbao, 19-Joseph Zerafa (18-Ryan Darmanin 66), 7-Ryan Camenzuli, 11-Goran Mujanovic (21-Matthew Guillaumier 72), 17-Frank Temile
**Coach** – Drazen Besek
**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 2-Andre Scicluna, 4-Antonio Monticelli, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani, 9-Mauricio Villa (89-Mario Fontanella 86), 11-Juninho Cabral, 23-Matteo Piciollo, 27-Steve Bonnici, 33-Emanuel Briffa, 91-Emerson Marcelina
**Coach** – Luis Oliveira
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – C. Attard, G. Sciberras, F. Temile (B), E. Pepe, J. Cabral, E. Marcelina (F)

## II Round

**Loghba Nru 122 - 05.02.2016 - 18.00 hrs**
**Tarxien Rainbows** 4
J. P. Oliveira Santos 18, A. Azzopardi 55, C. Hevia Menendez 66, L. Montebello 79 pen
**Qormi** 0
HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 5-Bruno Giglio De Oliveira, 7-Triston Caruana, 8-Brandon Muscat, 10-Ayrton Azzopardi (23-John Mintoff 67), 14-Carlos Hevia Menendez (21-Ryan Spiteri 83), 15-Luke Montebello, 16-Sergio Fernandez Prendes, 18-Alex Da Paixao Alves (9-Alex Nilsson 72), 20-Joao Pedro Oliveira Santos
**Coach** – Jacques Scerri
**Qormi** – 1-Andreas Vella, 6-Ousmane Sidibe, 29-Noah Olawale Ojuola, 27-Alessio Cassar, 14-Clifford Gauci, 18-Ryan Micallef (17-Pietro Viggiani 73), 20-Djamel Romano Leeflang Boestra, 5-Yannick Yankam, 77-Gilmore Azzopardi, 7- Kurt Magro (3-Joshua Barbara 79), 10-Terence Vella (2-Immy Micallef 83)
**Coach** – Johann Scicluna
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – Thomas Debono, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – K. Magro (Q); E. Baker (TR)

## II Round

**Loghba Nru 114 - 27.01.2016 - 20.00 hrs**
**Qormi** 0
**Balzan** 5
A. Effiong 23, L. Micallef 49, A. Da Silva Souza 55 pen, P. Dos Santos Calcado 61, A. Vujacic 70
HT 0-1 **National Stadium**

**Qormi** – 13-Jean-Matthias Vella, 27-Alessio Cassar (14-Kyle Spiteri 73), 29-Noah Olawale Ojuola, 3-Joshua Barbara, 2-Immy Micallef, 5-Yannick Yankam, 7-Kurt Magro (10-Clint Barbara 69), 77-Gillmore Azzopardi, 8-Iven Zammit (4-Shamison Zammit 60), 17-Pietro Viggiani, 20-Djamel Leeflang
**Coach** – Johann Scicluna
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 16-Clive Brincat, 8-Paul Fenech, 11-Steve Bezzina, 5-Samir Arab (50-Maxim Foc-sa 75), 17-Alfred Effiong, 20-Pedro Dos Santos Calcado (99-Aleksandar Vujacic 65), 7-Lydon Micallef (88-Sean Cipriott 70), 10-Dylan Grima, 42-Alan Da Silva Souza, 23-Elkin Orlando Serrano Valero
**Coach** – Oliver Spiteri
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – K. Magro, N. O. Ojuola (Q), C. Brincat (B)

## II Round

**Loghba Nru 117 - 31.01.2016 - 14.00 hrs**
**Mosta** 0
**Tarxien Rainbows** 0
**National Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 22-Tyrone Farrugia, 3-Rodriguez Jonas Ekani, 11-Godwin Mensha, 10-Donatus Okonkwo Onyekachi, 19-Ice Cream Osa Guobadia (9-Lyden Micallef 74), 8-Kyle Frendo, 20-Dyson Falzon (15-Adrian Borg 70), 24-Fatai Alabi, 82-Sibi Gwar (25-James Brincat 68), 18-Leonard Njousso
**Coach** – Ivan Zammit
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 2-Ebiabowei Baker, 6-Timothy Tabone Desira, 7-Triston Caruana, 8-Brandon Muscat, 10-Ayrton Azzopardi, 11-Roderick Bajada (4-Manuel Caruana 46), 15-Luke Montebello (9-Alex Nilsson 73), 17-Daniel Zerafa (19-Matthew Tabone 32), 18-Alex Da Paixao Alves, 33-Claudio Frances
**Coach** – Jacques Scerri
**Referee** – Sandro Spiteri
**Assistenti** – Edward Spiteri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – T. Farrugia, R. Ekani (M); M. Caruana, A. Azzopardi (TR)

## II Round

**Loghba Nru 120 - 31.01.2016 - 16.00 hrs**
**Sliema Wanderers** 0
**Balzan** 2
P. Dos Santos Calcado 27, A. Effiong 43
HT 0-2 **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alex Muscat, 7-Aidan Jake Friggieri, 9-Saviour Fidelis (21-Kyle Hendry 30), 11-Rafael Pompeo Rodrigues Ledesma (8-Mark Scerri 65), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 15-Marko Potezica, 19-Johann Bezzina, 23-Gary Muir, 33-Stefano Bianciardi, 36-Luke Dimech (16-Michele Sansone 85)
**Coach** – Stephen Azzopardi
**Balzan** – 87-Ivan Janjusevic, 4-Justin Grioli, 8-Paul Fenech, 11-Steve Bezzina, 5-Samir Arab, 17-Alfred Effiong (99-Alexandar Vujacic 74), 20-Pedro Dos Santos Calcado, 6-Ryan Fenech (7-Lydon Micallef 55), 10-Dylan Grima, 42-Alan Da Silva Souza (50-Maxim Focsa 88), 23-Elkin Orlando Serrano Valero
**Coach** – Oliver Spiteri
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Duncan Sultana, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Philip Farrugia
**Ammoniti** – S. Bianciardi (SW); A. Da Silva Souza (B)

## II Round

**Loghba Nru 123 - 05.02.2016 - 20.00 hrs**
**Valletta** 3
F. Falcone 42, Jhonnattan 48, L. Cremona 82
**Mosta** 0
HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 10-Roderick Briffa, 11-Rafael Rodrigues Ledesma, 20-Federico Matias Falcone (3-Ian Azzopardi 80), 21-Llywelyn Cremona, 24-Uchenna Calistus Umeh (16-Jean Borg 66), 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao (15-Russel Fenech 88), 90-Romeu Pericles Romao
**Coach** – Paul Zammit
**Mosta** – 27-Omar Borg, 3-Rodriguez Ekani, 22-Tyrone Farrugia, 24-Fatai Alabi, 18-Leonardo Njousso (15-Adrian Borg 77), 19-Ice Cream Osa Guobadia, 25-James Brincat, 8-Kyle Frendo (7-Zachary Brincat 82), 11-Godwin Mensha, 10-Onekachi Donatus Okonkwo, 82-Sibi Gwar (9-Lyden Micallef 71)
**Coach** – Ivan Zammit
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Duncan Sultana, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Glen Tonna
**Ammonit** – Z. Brincat (M)

## II Round

**Loghba Nru 115 - 30.01.2016 - 14.00 hrs**
**St Andrew's** 2
J. Farrugia 57 pen, 92
**Hibernians** 2
C. Failla 56 pen, G. Da Silva Ribeiro 90
HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**St Andrew's** – 12-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pená Beltre, 4-Dale Camilleri, 5-Che Bong Won, 6-Jonatan Perez Cuestra, 7-Sorin Oproiescu (17-Jacob Walker 90), 9-Matteo Desira Buttigieg (14-Kyrian Nwoko 65), 11-Joseph Farrugia, 13 -Francis Chinatu Onwudinjo, 10-Salomon Wisdom (15-Michael Johsnon 90), 16-Eloy Edu Nkene
**Coach** – José Borg
**Hibernians** – 24-Rudy Briffa, 6-Jonathan Pearson (30-Jean Paul Farrugia 88), 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 14-Jurgen Degabriele (18-Denni Rocha Dos Santos 77), 22-Joseph Essien Mbong (21-Edison Luis Dos Santos 59), 31-Gilmar Da Silva Ribeiro, 32-Jorge Santos Silva
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Alan Camilleri, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Sammy Attard
**Ammoniti** – J. Pearson, G. Da Silva Ribeiro, R. Soares (H), E. M. Pená Beltre, S. Oproiescu (SA)

## II Round

**Loghba Nru 118 - 31.01.2016 - 14.00 hrs**
**Pembroke Athleta** 2
E. Arab 4, G. Villalobos 54
**Valletta** 3
R. Pericles Romao 14, R. Briffa 60, M. Mifsud 75
HT 1-1 **Hibernains Stadium**

**Pembroke A.** – 1-Mario Muscat, 4-Zoran Levnaic, 22-Alex Cini, 6-Miguel Attard, 5 Owen Bugeja, 10-Paltemio Barbetti, 8-Kyle O'Brien, 11-Siraj Eddin Arab (23-Gustavo De Paulo Da Nobrega 64), 16-Ariel Laudisi, 31-Patmore Shereni, 7-Gustavo Villalobos (28-Terence Agius 80)
**Coach** – Winston Muscat
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 9-Michael Mifsud (22-Nicholas Pulis 80), 10-Roderick Briffa, 16-Jean Borg, 20-Federico Matias Falcone, 21-Llywelyn Cremona (24-Umeh Uchenna Calistus 59), 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao (18-Jurgen Suda 89), 90-Romeu Pericles
**Coach** – Paul Zammit
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Luke Portelli, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Matthew Degabriele
**Ammoniti** – L. Cremona, R. Pericles Romao (V), A. Cini (PA)
**Tkeċċa** – P. Barbetti 74 (PA)

## II Round

**Loghba Nru 121 - 05.02.2016 - 18.00 hrs**
**Naxxar Lions** 0
**St Andrew's** 1
S. Wisdom 13
HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ryan Grech, 7-Eduardo Vallecillo Casado, 9-Demba Toure, 13-Jose Angel Godar Perreira, 18 Ishmael Grech, 19 David Fenech (11-Duane Bonnici 69), 21-Ennio Mattheus Hamutenya, 26-Nikola Tasic (10-Daren Falzon 83), 28-Xhoeisan Cekaj (16-Jurgen Debono 59)
**Coach** – Clive Mizzi
**St Andrew's** – 19-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pena' Beltre, 4-Dale Camilleri, 5-Che Bong Won, 8-Jonatan Perez Cuestra (20-Liam Grech 84), 9-Matteo Desira Buttigieg (8-Victor Lucky Oseghale 66), 10-Salomon Wisdom, 11 -Joseph Farrugia, 13-Francis Chinatu Onwudinjo, 15-Michael Johnson, 16-Eloy Edu Nkene
**Coach** – José Borg
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Luke Portelli, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Sandro Spiteri
**Ammoniti** – E. Vallicello Casado, X. Cekaj (NL); J. Perez Cuestra (SA)

## II Round

**Loghba Nru 124 - 05.02.2016 - 20.00 hrs**
**Floriana** 4
M. Piciollo 45, E. Marcelina 57, J. Cabral 80 u 89
**Pembroke Athleta** 2
G. Villalobos 50 u 86
HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 2-Andre Scicluna, 4-Antonio Monticelli, 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg, 9-Mauricio Villa (11-Juninho Cabral 73), 23-Matteo Piciollo (25-Daniel Agius 84), 33-Emanuel Briffa, 80-Nicolas Chiesa, 91-Emerson Marcelina
**Coach** – Luis Oliveira
**Pembroke A.** – 1-Mario Muscat, 4-Zoran Levnaic, 31-Patmore Shereni, 28-Terence Agius (24-Obinna Obiefule 75), 16-Ariel Laudisi, 11-Siraj Arab Eddin (9-Manolito Micallef 66), 5-Owen Bugeja, 7-Gustavo Villalobos, 22-Alex Cini, 23 Gustavo De Paolo Danobrega, 6-Miguel Attard
**Coach** – Winston Muscat
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – David Castillo, Ryan Aquilina
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – E. Pepe, A. Monticelli, E. Marcelina (F), O. Bugeja, G. De Paolo Danobrega, S. Arab Eddin (PA)

## II Round

**Logħba Nru 125 - 06.02.2016 - 14.00 hrs**
**Balzan** 1
L. Micallef 64
**Birkirkara** 0
HT 0-0 **National Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 4-Justin Grioli, 8-Paul Fenech, 11-Steve Bezzina, 5-Samir Arab, 17-Alfred Effiong, 20-Pedro Dos Santos Calcado (99-Alexandar Vujacic 87), 7-Lydon Micallef (15-Luke Sciberras 78), 10-Dylan Grima, 42-Alan Da Silva Souza (16-Clive Brincat 86), 23-Elkin Orlando Serrano Valero
**Coach** – Oliver Spiteri
**Birkirkara** – 26-Miros-lav Kopric, 22-Cain Attard, 5-Mauricio Mathias Latini Mazzetti, 15-Nikola Vukanac, 4-Gareth Sciberras, 13-Mislav Andelkovic (8-Edmond Agius 72), 21-Matthew Guillaumier (18-Ryan Darmanin 58), 23-Edison David Zarate Bilbao, 7-Ryan Camenzuli, 11-Goran Mujanovic (20-Kurt Zammit 83), 24-Seydi L'Imam
**Coach** – Drazen Besek
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Luke Portelli, David Castillo
**Raba' Uff.** – Roberto Vella
**Ammoniti** – A. Da Silva Souza, A. Effiong (Bz), E. Zarate Bilbao, R. Camenzuli, M. Kopric (Bk)

## II Round

**Logħba Nru 126 - 06.02.2016 - 16.00 hrs**
**Hibernians** 2
A. Agius 41, B. Kristensen 72
**Sliema Wanderers** 1
J. P. Farrugia 66
HT 1-0 **National Stadium**

**Hibernians** – 12-Jurgen Borg, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 10-Andrew Cohen (14-Jurgen Degabriele 70), 11-Bjorn Kristensen, 19-Diosdado Mangue Mbele, 20-Andrei Agius, 21-Edison Luis Dos Santos, 22-Joseph Essien Mbong, 32-Jorge Santos Silva (15-Zach Scerri 84)
**Coach** – Branko Nisevic
**Sliema W.** – 12-Timothy Aquilina, 2-Alexander Muscat, 7-Aidan Jake Friggieri (10-Shola Haruna Shodija 79), 8-Mark Scerri, 11-Njongo Lobe Priso Doding, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 15-Marko Potezica, 19-Johann Bezzina, 23-Gary Muir, 30-Jean Paul Farrugia, 36-Luke Dimech (20-Denni Rocha Dos Santos 57)
**Coach** – Stephen Azzopardi
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Chris Francalanza
**Ammoniti** – E. L. Dos Santos (H), D. Rocha Dos Santos (SW)

## II Round

**Logħba Nru 127 - 13.02.2016 - 14.00 hrs**
**St Andrew's** 1
K. Nwoko 61
**Tarxien Rainbows** 1
L. Montebello 57
HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**St Andrew's** – 1-Jake Galea, 2-Enmy Manuel Pena' Beltre, 4-Dale Camileri, 5-Che Bong Won, 6-Jonatan Perez Cuestra (21-Ryan Sammut 90), 8-Victor Lucky Oseghale (20-Liam Grech 85), 9-Matteo Desira Buttigieg (14-Kyrian Nwoko 33), 10-Salomon Wisdom, 11-Joseph Farrugia, 13-Francis Chinatu Onwudinjo, 15-Michael Johnson
**Coach** – José Borg
**Tarxien R.** – 1-Andrea Cassar, 5-Bruno Giglio De Oliveira, 6-Timothy Tabone Desira (8- Brandon Muscat 27), 7-Triston Caruana, 10-Ayrton Azzopardi, 14-Carlos Hevia Menendez (33-Claudio Daniel Frances 66), 15-Luke Montebello, 16-Sergio Fernandez Prendes (9-Alex Nilsson 78), 18-Alex Da Paixao Alves, 19-Matthew Tabone, 20-Joao Pedro Oliveira Santos
**Coach** – Jacques Scerri
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – William Debattista, David Castillo
**Raba' Uff.** – Peter Abela
**Ammoniti** – C. Bong Won, S. Wisdom (SA); B. Giglio De Oliveira, M. Tabone, L. Montebello (TR)

## II Round

**Logħba Nru 128 - 13.02.2016 - 14.00 hrs**
**Mosta** 3
G. Mensha 14, 90, R. Ekani 82,
**Pembroke Athletic** 3
G. Villalobos 25 pen.,
K. O'Brien 28, A. Laudisi 37
HT 1-3 **Victor Tedesco Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 25-James Brincat, 22-Tyrone Farrugia, 8-Kyle Frendo (15-Adrian Borg 46), 9-Lyden Micallef (82-Sibi Gwar 46), 19-Osa Ice Cream Guobadia, 18-Leonard Njoussu, 24-Fatai Alabi, 3-Rodrigues Ekani, 10-Donatus Onyekachi Okonkwo, 11-Godwin Mensha
**Coach** – Ivan Zammit
**Pembroke A.** – 1-Mario Muscat (30-Matthew Farrugia 69), 4-Zoran Levnaic, 22-Alex Cini, 6-Miguel Attard, 5-Owen Bugeja, 10-Paltemio Barbetti, 9-Manolito Micallef, 8-Kyle O'Brien, 11-Siraj Eddin Arab (23-Gustavo De Paulo Da Nobrega 77), 16-Ariel Laudisi, 7-Gustavo Villalobos (24-Obinna Obiefule 90)
**Coach** – Winston Muscat
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Sandro Spiteri
**Ammoniti** – D. Okonkwo (M), Z. Levnaic (PA)

## II Round

**Logħba Nru 129 - 13.02.2016 - 16.00 hrs**
**Qormi** 0
**Valletta** 2
Juan Gill Cruz 53, F. M. Falcone 70
HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – 13-Jean-Matthias Vella, 14-Clifford Gauci, 6-Ousmane Sidibe, 11-Tensior Gusman (9-Clint Barbara 27), 20-Djamel Romano Leeflang Boestra, 5-Yannick Yankam, 27-Alessio Cassar, 2-Immy Micallef (19-Emerson Vella 70), 29-Noah Olawale Ojuola, 10-Terence Vella (4-Shamison Zammit 65), 7-Kurt Magro
**Coach** – Johann Scicluna
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 2-Jonathan Caruana (21-Llywelyn Cremona 74), 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 10-Roderick Briffa, 9-Michael Mifsud (16-Jean Borg 74), 11-Rafael Rodrigues Ledesma, 20-Federico Matias Falcone, 23-Claudio Pani, 27-Jhonnattann Benites Da Conceicao (18-Jurgen Suda 86), 90-Romeu Pericles Romau
**Coach** – Paul Zammit
**Referee** – Glen Tonna
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Martin Borg
**Raba' Uff.** – Duncan Sultana
**Ammoniti** – C. Pani, R. Camilleri (V)

## II Round

**Logħba Nru 130 - 13.02.2016 - 16.15 hrs**
**Sliema Wanderers** 1
S. Haruna Shodija 89
**Naxxar Lions** 2
D. Toure 52, D. Bonnici 56
HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alexander Muscat, 8-Mark Scerri, 11-Doding Njongo Lobe Priso, 13-Clifford Gatt Baldacchino (10-Shola Haruna Shodija 57), 15-Marko Potezica, 19-Johann Bezzina (9-Saviour Fidelis 75), 20-Denni Rocha Dos Santos, 23-Gary Muir, 30-Jean Paul Farrugia, 33-Stefano Bianciardi
**Coach** – Stephen Azzopardi
**Naxxar L.** – 1-Alberto Gallinetta, 2-Alvaro Hungria Rosero, 3-Andrew Scicluna, 7-Eduardo Vallecillo Casado, 9-Demba Toure (15-Joel Ellul 90), 11-Duane Bonnici (23-Mark Fenech 88), 16-Jurgen Debono, 19-David Fenech, 20-Angus Buhagiar, 21-Ennio Mattheus Hamutenya, 26-Nikola Tasic
**Coach** – Clive Mizzi
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Alan Camilleri, Christopher Francalanza
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – M. Scerri, J. Bezzina, D. Rocha Dos Santos (SW), A. Scicluna (NL)

## II Round

**Logħba Nru 131 - 14.02.2016 - 14.00 hrs**
**Balzan** 1
B. Kaljevic 78
**Floriana** 0
HT 0-0 **National Stadium**

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 4-Justin Grioli, 8-Paul Fenech, 11-Steve Bezzina, 5-Samir Arab, 17-Alfred Effiong (16-Clive Brincat 82), 20-Pedro Dos Santos Calcado, 99-Alexandar Vujacic (86-Bojan Kaljevic 70), 10-Dylan Grima (15-Luke Sciberras 63), 42-Alan Da Silva Souza, 23-Elkin Orlando Serrano Valero
**Coach** – Oliver Spiteri
**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 2-Andrè Scicluna, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg (89-Mario Fontanella 14), 9-Mauricio Villa (10-Conor Borg 66), 11-Juninho Cabral (25-Daniel Agius 89), 23-Matteo Piciollo, 27-Steve Bonnici, 33-Emanuel Briffa, 80-Nicolas Chiesa, 91-Emerson Marcelina
**Coach** – Luis Oliveira
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Roberto Vella
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – S. Bonnici, J. Cabral (F), P. Dos Santos Calcado (B)

## II Round

**Logħba Nru 132 - 14.02.2016 - 16.00 hrs**
**Birkirkara** 0
**Hibernians** 2
G. Da Silva Ribeiro 29, B. Kristensen 75
HT 0-1 **National Stadium**

**Birkirkara** – 26-Miroslav Kopric, 22-Cain Attard, 15-Nikola Vukanac (21-Matthew Guillaumier 70), 3-Christian Bubalovic, 4-Gareth Sciberras, 10-Mislav Andelkovic, 6-Ryan Scicluna, 7-Ryan Camenzuli, 23-Edison David Bilbao Zarate, 28-Seydi L'Imam, 27-Matija Smrekar
**Coach** – Drazen Besek
**Hibernians** – 16-Justin Haber, 6-Jonathan Pearson, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 11-Bjorn Kristensen, 20-Andrei Agius, 21-Edison Luis Dos Santos (14-Jurgen Degabriele 85), 22-Joseph Essien Mbong (19-Diosdado Mangue Mbele 79), 31-Gilmar Da Silva Ribeiro (4-Dunstan Vella 89), 32-Jorge Santos Silva
**Coach** – Branko Nisevic
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Duncan Sultana, Jurgen Spiteri
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – C. Attard, S. L'Imam, R. Camenzuli (B), E. L. Dos Santos, J. Lima, M. Dias (H)

## III Round

**Logħba Nru 133 - 20.02.2016 - 14.00 hrs**
**Balzan** 2
L. Micallef 16, R. Tanti 86 o.g.
**Pembroke Athltic** 1
A. Laudisi 29
HT 1-1 **Hibernians Stadium**

B'turija ta' dan ingħata rikonoxximent mill-FIFA u mill-Federazzjoni Taljana tal-Football. F'dawn l-aħħar snin ħadem u għadu qed jaħdem fis-settur taż-żgħażagħ fl-Ingilterra ma' Aston Villa.

l-logħba li tant iħobb u kienet din waħda mir-raġunijiet għalfejn huwa ddeċieda li jitkellem. Huwa spjega kif dak iż-żmien kien wieħed ta' tensjoni fejn beża' x'seta' jiġri minnu u speċjalment mill-familja tiegħu. Madankollu rraġuna li d-deċiżjoni kienet waħda ta' żewġ uċuħ, jew jikxef jew inkella jkun fir-riskju li jinqabad u jkun skwalifikat mil-logħba li kienet dejjem iċ-ċentru ta' ħajtu.

Meta ħa d-deċiżjoni ħaseb li din kienet ser tkun azzjoni li tirrigwardja ftit nies u ftit immaġina r-riperkussjonijiet kbar li ġabet magħha l-ammissjoni tiegħu. Fil-fatt l-ammissjoni tiegħu mal-awtoritajiet kienet biss il-bidu ta' investigazzjoni kbira li heżżet lill-football Taljan.

Huwa spjega kif filli kien sempliċiment player fis-Serie B u filli kien qed ikollu jadatta għall-bosta impenji li ġabet magħha din l-aħbar, fosthom intervisti u attivitajiet biex titqajjem kuxjenza kontra l-korruzzjoni fl-isport.

Hu qal li f'mumenti bħal dawn għalkemm jixtieq jitkellem mal-ġurnalisti ġie mogħti l-parir biex ma jagħmilx dan, minħabba li l-kawża ser tibda fiż-żmien li ġej.

Illum huwa jservi ta' scout għal Aston Villa, filwaqt li huwa nvolut f'bosta proġetti fosthom integrity tour li qed isir fis-Serie B fl-Italja. Minbarra dan, huwa ambaxxatur tal-Fair Play tal-FIFA. Huwa jħares lejn il-futur b'ottimiżmu bix-xewqa li jibqa' jkun ta' eżempju għat-tfal u ż-żgħażagħ fil-logħba tal-football.

Minbarra d-diskors tiegħu waqt is-serata tal-għoti tal-unuri, Simone Farina ltaqa' wkoll mal-parteċipanti ta' #OntheMove Skolasport fil-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop u wara indirizza lill-coaches f'laqgħa bit-titlu 'Football Integrity Seminar', fis-Centenary Hall, f'Ta' Qali.

L-għada tas-serata, huwa ltaqa' wkoll mar-rebbieħa tal-unuri ta' SportMalta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali, fi Sports breakfast.



Simone Farina fl-azzjoni għal Gubbio, fl-2006




# Move 360 - Proġett pilota varat minn SportMalta

SPORTMALTA

Move 360 huwa proġett pilota varat minn SportMalta, bil-kollaborazzjoni tal-Health Promotion Unit, St James Capua Hospital u l-Istitut tal-Istudji Turistiċi (ITS). L-għan ta' dan il-poġett pilota huwa li titrawwem f'dawn it-tfal id-drawwa li jieklu tajjeb u li jagħmlu attività fiżika iktar min-normal. Move 360 jmur lil hinn minn hekk, għax minbarra dan se jkun qiegħed jagħmel ukoll paragun ma' tfal oħra li mhux qed isegwu l-programm biex eventwalment isir magħruf jekk il-proġett pilota kienx effettiv u jekk l-obbjettiv ta' dan il-proġett intlaħaqx.

L-isem ta' dan il-proġett pilota kien imnebbaħ mit-tema li t-tfal se jkunu qed jagħmlu 360 minuta ta' eżerċizzju iżjed fil-ġimgħa. Dan il-programm qed jieħu ħsieb lit-tfal fi tliet oqsma tal-ħajja tagħhom; l-ikel, l-eżerċizzju u l-lat akkademiku. Il-proġett huwa mifrux fuq medda ta' sitt xhur, f'liema perjodu t-tfal se jkunu taħt osservazzjoni. Fil-fatt qabel beda dan il-proġett, it-tfal ġew eżaminati minn speċjalisti, u se jibqgħu jiġu osservati matul il-proċess kollu. Barra minn hekk, it-tfal se jkollhom ukoll appuntament regolari ma' dentisti mill-Isptar Mater Dei.




F'dan il-proġett pilota qed jipparteċipaw l-istudenti tal-ħames klassi ta' tliet kulleġġi; Santa Margerita, San Benedittu u San Ġorġ Preca. Matul l-ewwel fażi ta' dan il-proġett, saru diskussjonijiet mal-WHO sabiex jiġi determinat liema gruppi ta' tfal għandhom jiġu segwiti.

It-tfal tal-Kulleġġ Santa Margerita qed jattendu darbtejn fil-ġimgħa wara l-ħin tal-iskola sal-5.30 pm. It-tfal qed ikunu miġbura minn kull skola u meħuda l-Kumpless ta' SportMalta fil-Kottonera permezz ta' trasport provdut mill-proġett u jitwasslu lura lejn id-dar wara li jispiċċaw is-sessjonijiet. Waqt li jkunu



SPORTMALTA

fil-Kumpless, it-tfal jippreparaw l-ikel, jieklu, jagħmlu x-xogħol tal-iskola u fuq kollox jagħmlu attività fiżika. B'kollox hemm 25 student kemm bniet kif ukoll subien mill-iskejjel tal-Birgu, Bormla, l-Isla, il-Kalkara u x-Xgħajra. Dawn qed ikunu megħjuna minn għalliema, Learning Support Assistants u għalliema tal-edukazzjoni fiżlka.

Intant Move 360 qed joffri programm speċifiku ta' attività fiżika wara l-ħin tal-iskola għat-tfal tal-Kulleġġ San Benedittu. L-għan ta' dan il-programm huwa li dawn it-tfal iżidu l-attività fiżika f'ħajjithom u b'hekk ikunu aktar b'saħħithom, billi jibqgħu għall-attivitajiet sportivi fir-raħal tagħhom.

Waqt it-tnedija tal-proġett, il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, Mark Cutajar, spjega kif dan il-proġett pilota qed ikun offrut b'xejn għas-sitt xhur li ġejjin grazzi għall-ħidma u s-sostenn ta' bosta entitajiet li qed jaħdmu flimkien ma' SportMalta. Huwa semma' kif dan il-programm jara li jagħti l-ħiliet neċessarji lill-parteċipanti wara l-ġurnata tal-iskola, filwaqt li fakkar li SportMalta se tkun qed tippreżenta s-sejbiet tagħha fl-aħħar tal-proġett pilota lill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u matul il-Presidenza tal-EU, bil-ħsieb li tkun mifruxa fuq il-pajjiż kollu.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, Evarist Bartolo, semma' kif dan il-proġett huwa xempju ta' prattika tajba li qed iġib flimkien is-settur privat flimkien mas-servizzi tal-gvern. Huwa kompla jgħid li dan il-proġett pilota qed ikun ta' ġid għal dawn l-istudenti, filwaqt li jara li l-iżvantaġġ soċjali li wħud minnhom jiffaċċjaw ma jkunx żvantaġġ matul il-ħajja kollha. Huwa temm jgħid li qed jispera li s-sejbiet wara sitt xhur ikunu pożittivi u jkun jista' jestendi dan il-proġett fuq il-bqija tal-pajjiż.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport, Chris Agius, spjega kif bl-għaqal SportMalta kull ma jmur qed tiġġedded u tvara inizjattivi innovattivi.









# Jintemm proġett ieħor relatat mal-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq

Matul dan ix-xahar saret l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-Proġett tal-ERDF 339 li huwa proġett li jwassal biex tinħoloq aktar enerġija effiċjenti fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq.

Id-dettalji dwar dan il-proġett ingħataw mill-project leader, Dermot Galea, li qal li dan il-proġett sar b'investiment totali ta' €1,156,008, bl-għan ikun li jitħares l-ambjent billi tintuża enerġija alternattiva. Dan qed jgħin biex il-Pixxina, fiż-żmien li ġej, ma tibqax tagħmel telf u tkun ta' piż fuq il-Gvern u SportMalta. Huwa elenka l-erba' fażijiet tal-proġett li kienu:

- L-installazzjoni ta' heat pumps għall-pixxini.
- L-installazzjoni ta' Variable Refrigerant Flow airconditioning system għall-West Stand, fejn jinsabu l-uffiċini.
- L-installazzjoni ta' solar collectors li ser ikunu użati biex jissaħħan l-ilma tax-showers fil-Kumpless.
- L-installazzjoni ta' pool covers għaż-żewġ pixxini

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Chris Agius, semma' kif waslet ukoll fil-fażi ta' aġġudikazzjoni l-għażla tal-perit li ser ikun qiegħed jagħmel il-pjanti tal-pixxina indoor fil-Kottonera Minbarra dan, aċċenna għall-miżuri tal-budget relatati mal-isport li qed ikomplu jaġevolaw lill-komunità sportiva.

Huwa kompla jgħid li din hija ħolqa oħra mill-katina ta' wegħdi elettorali li qed jitwettqu fejn qed jiġi ġġenerat il-kumpless tal-pixxina tal-Qroqq. Fil-leġiżlazzjoni li għaddiet, kien iktar importanti li jinbnew faċilitajiet ġodda li mhux dejjem kienu sostenibbli u l-faċilitajiet eżistenti tħallew fi stat dilapidat.

Waqt din l-inawgurazzjoni, is-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej, Ian Borg, spjega li dan il-proġett ikkwalifika taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u ser ikun ibbenefika minn madwar €400,000.

Is-Segretarju Parlamentari, Ian Borg, ħabbar ukoll li għall-ewwel darba ser ikun hemm madwar €5M Fondi Ewropej li ser ikunu allokati għall-iżvilupp ta' infrastruttura sportiva f'żoni hekk meqjusa bħala żvantaġġati. Dawn il-fondi għandhom l-għan li jikkumbattu problemi ta' esklużjoni soċjali kif ukoll ikomplu jtaffu l-problemi relatati mal-obeżità.

Dr Borg temm jgħid li bl-istess mod, permezz tal-investiment ġewwa l-Pixxina Nazzjonali, aktar klijenti ser ikunu qed jirċievu servizzi ta' kwalità aħjar – anki b'rati sussidjati lil dawk kollha li huma membri - hekk kif il-parteċipazzjoni fl-isports mistennija li tkompli tiżdied.

Iċ-Chairman ta' SportMalta, Luciano Busuttil, tkellem dwar ir-relevanza ta' fondi Ewropej. Huwa ħabbar li SportMalta fetħet dipartiment relatat max-xogħol tal-Unjoni Ewropea sabiex l-entità tkun iżjed relevanti f'dan il-qasam.

Il-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta, Mark Cutajar, qal li fl-2016, l-entità ser tkun qed iżżomm ir-ritmu tas-sena li għaddiet. Huwa ħabbar li s'issa diġà ġew konklużi numru ta' proġetti filwaqt li l-proġetti l-kbar diġà jinsabu f'fażi ta' aġġudikazzjoni.

Huwa semma' li fit-23 ta' April ser issir konferenza nazzjonali għall-għaqdiet sportivi kollha u NGOs u ħabbar li f'Novembru, SportMalta ser tkun qed tospita aktar minn 300 delegat minn universitajiet differenti għall-Assemblea Ġenerali tal-ENAS.









# Simone Farina jattendi sessjoni ta' #OnTheMove Skolasport fil-Kumpless ta' Ħal Kirkop

Il-mistieden ta' SportMalta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali, Simone Farina, żar il-Kumpless ta' Ħal Kirkop waqt li kienet għaddejja sessjoni ta' #OnThe Move Skolasport. Huwa kellu l-opportunitá jiltaqa' mal-coaches u mat-tfal li jieħdu sehem f'dan il-programm fejn mhux biss kellimhom dwar l-esperjenza tiegħu iżda wkoll qatta' xi ħin jilgħab il-football u sport ieħor magħhom.

Din żgur li se tibqa' waħda mill-esperjenzi li mhux ser jinsew t-tfal ta' #OnTheMove Skolasport fejn kellhom l-opportunitá jiltaqgħu ma' stilla internazzjonali. SportMalta jħoss li esperjenzi bħal dawn ikomplu jsaħħu lit-tfal tagħha u jkabbru l-imħabba tagħhom lejn l-isport.

Bħalissa #OnTheMove Skolasport qed tilqa' 'l fuq minn 5,000 parteċipant li bejniethom se jkunu qegħdin jieħdu sehem f'55 dixxiplina sportivi mmexxija minn madwar 200 coach professjonali.

Simone Farina kien akkumpanjat mis-Segretarju Parlamentari Chris Agius flimkien mal-Kap Eżekuttiv ta' SportMalta Mark Cutajar kif ukoll uffiċjali oħrajn minn SportMalta.



SPORTMALTA



# Malta Eight Ball Federation 5-a-side Kampjonati Nazzjonali

minn **Kenneth Mallia Milanes**

## Kampjonat Premier: 147 Snooker Hall b'punti massimi

Wara li ntlagħab is-sitt round tal-Kampjonat Nazzjonali tal-Premier, it-team Ħamruniż tal-147 Snooker Hall, jinsab fil-quċċata tal-klassifika b'punti massimi.

Wara riżultati diżappuntanti fil-kompetizzjonijiet tan-Knock-Out tal-Christmas Cup, l-istess team Ħamruniż ħareġ aktar determinat biex ikompli jiddefendi t-titlu li rebaħ għal dawn l-aħħar tliet snin.

Fit-tieni post hemm Jesmond's Sporting Club segwiti minn San Gwan Boċċi Klabb.




147 Snooker Hall

## I Diviżjoni: Punt biss jissepara lill-ewwel tliet timijiet

Jidher li l-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni dan l-istaġun se jkun wieħed kumbattut u ċert sal-aħħar hekk kif l-isfida se tkun bejn it-tliet timijiet, 147 Snooker Hall B, Paola Wolves u San Gwann Boċċi Klabb B, li bejniethom hemm differenza ta' punt wieħed biss.




147 Snooker Hall B

## II Diviżjoni: Iż-żewġ timijiet rivali jaqsmu l-ewwel post

Bħalma kien mistenni ż-żewġ timijiet rivali, Jesmond Sporting Club B u Manchester United Supporters' Club, jinsabu jaqsmu l-ewwel post tal-klassifika, bi 12-il punt, bil-konfront ta' bejniethom għadu ma ntlagħabx u għaldaqstant hemm stennija kbira għalih.

Jidher ukoll li se jkun hemm taqtiegħa mill-aktar interessanti sa tmiem l-istaġun meta hemm tliet punti biss differenza bejn seba' timijiet ... bil-ħamsa l-oħra jkunu Downtown Bar C (10), Selmun Bar B (10), In & Out Bar A (10), Birkirkara Boċċi Klabb B (9) u San Gwann Boċċi Klabb (9).



Jesmond Sporting Club B



Manchester United Supporters' Club

# III Diviżjoni: Kampjonat mimli sorpriżi

Għalkemm dan l-istaġun ġie fformat għall-ewwel darba l-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni, dan qed jiżvolġi f'wieħed mill-aktar attraenti għall-fatt li huwa mimli sorpriżi.

Fl-ewwel post hemm Jesmond's Sporting Club C, segwiti mit-team Belti ta' St Domenic's u dak ta' Fgura Boċċi Klabb rispettivament.


Jesmond Sporting Club C

# Malta Eight Ball Federation

# Staġun 2015-16 Klassifiki

| Premier | P | W | D | L | Pts |
|---|---|---|---|---|---|
| 147 Snooker Hall A | 6 | 6 | 0 | 0 | 18 |
| Jesmonds Sporting A | 6 | 4 | 1 | 1 | 13 |
| San Gwann Bocci A | 6 | 4 | 0 | 2 | 12 |
| Downtown Bar A | 6 | 2 | 1 | 3 | 7 |
| B'Kara Bocci Club A | 6 | 1 | 0 | 5 | 3 |
| Selmun Bar A | 6 | 0 | 0 | 6 | 0 |

| II Diviżjoni | P | W | D | L | Pts |
|---|---|---|---|---|---|
| Manchester Utd | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 |
| Jesmond Sporting B | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 |
| Downtown Bar C | 5 | 3 | 1 | 1 | 10 |
| Selmun Bar B | 5 | 3 | 1 | 1 | 10 |
| In & Out Bar A | 5 | 3 | 1 | 1 | 10 |
| B'Kara Bocci B | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 |
| San Gwann Bocci C | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 |
| Juventus Club B | 5 | 2 | 1 | 2 | 7 |
| Paola Wolves B | 5 | 2 | 0 | 3 | 6 |
| Downtown Bar D | 5 | 1 | 0 | 4 | 3 |
| Fgura Band Club A | 5 | 0 | 0 | 5 | 0 |

| I Diviżjoni | P | W | D | L | Pts |
|---|---|---|---|---|---|
| 147 Snooker Hall B | 5 | 4 | 0 | 1 | 12 |
| Paola Wolves A | 5 | 3 | 2 | 0 | 11 |
| San Gwann Bocci A | 5 | 3 | 2 | 0 | 11 |
| Juventus Club A | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 |
| Civic Club A | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 |
| Cherries Bar A | 5 | 2 | 2 | 1 | 8 |
| Downtown B | 5 | 2 | 1 | 2 | 7 |
| Żejtun Redstars | 5 | 0 | 2 | 3 | 2 |
| Billy's Music Club | 5 | 0 | 1 | 4 | 1 |

| III Diviżjoni | P | W | D | L | Pts |
|---|---|---|---|---|---|
| Jesmond Sporting C | 7 | 6 | 0 | 1 | 18 |
| St Domenic's | 7 | 5 | 1 | 1 | 16 |
| Fgura Bocci Club | 7 | 5 | 0 | 2 | 15 |
| In & Out B | 7 | 4 | 2 | 1 | 14 |
| M'Scala Labour Party | 7 | 4 | 1 | 2 | 13 |
| Happy Returns Bar | 7 | 3 | 2 | 2 | 11 |
| Mosta Labour | 7 | 3 | 1 | 3 | 10 |
| Victoria Band Club | 7 | 3 | 0 | 4 | 9 |
| Civic Club B | 7 | 2 | 1 | 6 | 7 |
| Juventus Club C | 7 | 1 | 1 | 5 | 4 |
| Selmun Bar C | 7 | 1 | 0 | 6 | 3 |
| Cherries Bar B | 7 | 0 | 1 | 6 | 1 |

minn Joe Bajada

## Atletika

# Charlton Debono Champion Nazzjonali tar-Road Running League




Charlton Debono

Għall-ewwel darba fl-istorja tal-atketika f'Malta, ir-rebbieħ tal-Kampjonat popolari tar-Road Running organizzat mill-MAAA intrebaħ minn atleta Għawdxi. Fil-fatt, Charlton Debono rnexxielu jkun dikjarat ir-rebbieħ qabel l-aħħar prova ta' dan il-Kampjonat. Debono, tal-club Atletiku Għawdxi, Athletix Gozo s'issa diġá rebaħ l-ewwel erba' tiġrijiet li saru f'dan il-Kampjonat.

Il-club tal-atletika f'Għawdex, li miegħu jiġri u jitħarreġ Debono, kien imwaqqaf fis-sena 2008 mill-coaches Mario Bonello, personalitá mimlija esperjenza fix-xena atletika kemm dik lokali kif ukoll internazzjonali, kif ukoll minn Paul Camilleri, coach ieħor kwalifikat Għawdxi. Dan il-club mela vojt kbir li kien ilu jinħass f'Għawdex. Fil-fatt Athletix Gozo, taħt il-presidenza ta' Adrian Farrugia, qed jagħmel ħafna xogħol sabiex jiżviluppa atleti oħra Għawdxin li jkunu jistgħu jiksbu riżultati sodisfaċenti bħal ma qed jagħmel Debono. Fost dawn diġá nsibu atleta ieħor Għawdxi li għamel suċċess fl-isprints, Lauran Dimech.

Debono fil-fatt issieħeb ma' dan il-club Għawdxi madwar tliet snin ilu u bħal donnu dan ġablu r-risq. Meta beda mal-club, Charlton kien iktar qed jimmira għat-tlielaq fuq distanzi medji fit-trakka. Megħjun minn Mario Bonello, Debono rnexxielu jilħaq it-tragward ta' żewġ minuti fuq distanza ta' 800 metru. Iżda n-nuqqas ta' trakka ta' qies internazzjonali tal-atletika f'Għawdex, xekklitu milli jkompli jikkonċentra fuq dawn id-distanzi qosra. Kien proprju sena ilu li ddeċieda li jibda jiġri fuq distanzi itwal ta' bejn it-3 u l-10 kilometri.

Hawn huwa sab spazju biżżejjed għat-taħriġ tiegħu billi beda juża l-korsa taż-Żwiemel f'Ta' Xħajma, filwaqt li kompla xi taħriġ ieħor fit-trakka eżistenti tal-iSkola Sekondarja fir-Rabat. B'hekk Debono seta' jżid it-taħriġ tiegħu matul il-ġimgħa u b'dan b'aktar intensitá. Huwa beda jipparteċipa wkoll fi tlielaq tat-triq fix-xhur tal-ħarifa, sabiex jieħu aktar kunfidenza kemm




Atleti li ħadu sehem fir-Road Running League

mad-distanzi, it-tattika u r-ritmu li jirrekjedu dawn it-tlielaq.

Dan kollu tah riżultati mmedjati u sarrraf is-sagrifiċji kollha li għamel billi rebaħ l-ewwel żewġ tiġrijiet tal-Kampjonat Nazzjonali li saru f'Ottubru fuq distanza ta' ħames kilometri, dik tas-Siġġiewi u dik tal-Maqluba. Dawn is-suċċessi kienu segwiti b'rebħiet oħra, fuq id-distanza itwal tal-10 kilometri li saru fil-Qawra u f'Ta' Qali. B'hekk matematikament Debono sar ir-rebbieħ ta' dan il-Kampjonat Nazzjonali.

Nistgħu ngħidu li minbarra dawn it-tiġrijiet, minn Settembru sa issa, Debono rebaħ kull tiġrija oħra li saret fit-triq minn 10 kilometri 'l isfel, waqt li fil-Malta Challenge Marathon, minkejja li d-distanza hija ħafna itwal, huwa rnexxielu jikseb it-tieni post fil-klassifika ġenerali. Debono frisk minn dawn is-suċċessi qed iħares b'ottimiżmu għal riżultat ieħor pożittiv anke jekk din mhix id-distanza favorita tiegħu. Ta' min wieħed isemmi li Charlton Debono, li bi professjoni huwa għalliem, barra li jirnexxielu jlaħħaq mat-taħriġ tiegħu, qed joffri l-għajnuna tiegħu fil-club Għawdxi sabiex iktar żgħażagħ Għawdxin ikomplu jitħarrġu f'dan l-isport bl-aħjar mod possibbli.

Dan is-suċċess ta' Debono, mhux biss kompla jimla bil-kuraġġ lilu u lill-club ta' Athletix Gozo, iżda qajjem entużjażmu kbir fl-istess club li qed jikber fin-numru ma' kull ġimgħa. Fil-fatt it-team, b'mod sorprendenti, irnexxielu saħansitra anke jikklassifika fil-ħames post tal-Marsaskala Road Relay.

Bla dubju, nawguraw lil Debono aktar suċċessi fit-tlielaq li ġejjin u nistiednu lil dawk li jixtiequ jissieħbu mal-Athletix Gozo sabiex jikkuntattjawhom fuq athletixgozo@gmail.com jew iċemplu 79564861.



# L-Ibburdjar jiġi mgħallem lit-tfal Għawdxin

It-tfal Għawdxin, li jattendu On the Move SkolaSport, qed jingħataw iċ-ċans li jitgħallmu kif jibburdjaw u meta wieħed jikkunsidra li Għawdex mdawwar bil-baħar, huwa sport li bla dubju jista' jkun iktar ipprattikat fil-gżira Għawdxija. Dan l-eżerċizzju qed ikun offrut mill-Gozo Youth Sailing Club fil-port tal-Imġarr bħala parti mill-ftehim li jeżisti bejn l-istess club u l-Ministeru għal Għawdex. Dan kollu jista' jsir għax l-Imperial Gozo Yacht Club ibbenefika minn total ta' aktar minn €40,000 mill-Ministeru għal Għawdex permezz tal-iskema tal-Eco Gozo għall-NGOs f'xiri ta' numru ta' dinghies, dgħajjes li jintefħu, life jackets u tagħmir ieħor edukattiv, kif ukoll dak relatat mas-sigurtà. Dan kollu jagħmilha possibbli biex jiġu mħarrġa dawn it-tfal u żgħażagħ Għawdxin.

Għal dan il-għan, il-Gozo Youth Sailing Club organizza Open Day għat-tfal, kemm subien kif ukoll bniet, ta' bejn it-8 u 16-il sena. F'dik il-ġurnata hemm kors bażiku ta' introduzzjoni dwar l-ibburdjar, kif ukoll dwar il-prattika fuq il-baħar u xogħol ieħor li huwa relatat li ssir fuq l-art bħal dak tal-irbit tal-ħbula. Dan l-eżerċizzju kollu sar biex tfal jitħajru jieħdu sehem aktar f'dan l isport f'Għawdex.

Matul l-introduzzjoni li saret għal dan l-isport mill-esperti tal-club lit-tfal li attendew, kien spjegat lilhom li wieħed m'għandux bżonn ta' xi esperjenza partikolari, iżda li t-tfal iridu jkunu jafu jgħumu u apparti dan, iridu jkollhom il-firem tal-ġenituri jew gwardjani tagħhom biex jieħdu sehem.

Dan kollu jkompli jkabbar id-dixxiplini sportivi li qed jiġu mgħallma fl-On the Move SkolaSport – Għawdex. Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, li attenda għal din l-Open Day, qal li dan ifisser ukoll konferma li l-Ministeru għal Għawdex kellu viżjoni ċara meta ħoloq il-Gozo Sports Board għax jidher biċ-ċar li d-dixxiplini sportivi dejjem qed jinbtu u jikbru. Il-Ministru Refalo tenna li l-Ministeru għal Għawdex jemmen li l-iskola u l-isport jimxu id f'id għax huma mera ta' xulxin. B'hekk it-tfal u ż-żgħażagħ Għawdxin qed isibu aktar lok fejn jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom fi sport differenti li jgħinhom jikbru b'saħħithom, kif ukoll jgħinhom ferm mil-lat psikoloġiku.







# L-Integrità fl-Isport fl-UE

minn **Mandy Falzon (Head of EU Funding)**

"Mill-organizzazzjonijiet tal-isport, wieħed jistenna tmexxija tajba u integrità." Dan qalitu l-Ministru Olandiża għas-Saħħa, Assistenza Soċjali u Sport, Edith Schippers, f'Novembru 2015 waqt laqgħa tal-ministri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) għall-Edukazzjoni, iż-Żagħżagħ, il-Kultura u l-Isport. Hija tkellmet ukoll dwar problemi kbar fil-qasam sportiv minħabba nuqqas ta' integrità, bħall-iskandlu marbut mat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA 2018 u 2022.

Il-Ministru Schippers, fil-laqgħa tal-Kunsill tal-UE kienet qiegħda tippreżenta lill-ministri l-oħra l-prioritajiet fil-qasam tal-isport għall-Presidenza Olandiża tal-Kunsill tal-UE, bejn Jannar u Ġunju ta' din is-sena. Hija qalet li kemm l-Olanda u kif ukoll diversi pajjiżi oħra tal-UE, flimkien ma' għaqdiet sportivi huma lesti biex jaħdmu għat-tfassil ta' sett ta' regolamenti għal iktar trasparenza u integrità f'deċiżjonijiet importanti. Jekk dawn ir-regoli ma jiġux segwiti, skont Schippers, l-organizzazzjoni partikolari m'għandhiex titħalla torganizza avvenimenti sportivi oħra ta' ċertu kalibru u lanqas m'għandha tkun eliġibbli għall-fondi pubbliċi.

F'dan ir-rigward, l-Olanda se tkun qiegħda taħdem mas-Slovakkja u ma' Malta li se jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE bejn Lulju u Diċembru 2016 u Jannar u Ġunju 2017 rispettivament. B'hekk għall-kontinwità, l-Istati Membri li jkun imisshom il-Presidenza jaħdmu fi gruppi ta' tlieta bħala 'trio'. Permezz ta' din is-sistema ta' trio, l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreparaw aġenda komuni li tkun tinkludi l-aspetti kollha li jkunu ser jiġu indirizzati mill-Kunsill tal-UE fuq perjodu ta' 18-il xahar.

Il-bażi tal-ħidma tal-UE fl-isport toħroġ mill-Pjan ta' Ħidma tal-UE dwar l-Isport 2014-2017 li huwa regolat mill-prinċipji ta' gwida li ġejjin:

1) L-integrità tal-isport, b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-abbuz ta' sustanzi li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-atleti, il-ġlieda kontra t-tbagħbis tal-logħob, il-protezzjoni tal-minorenni, il-governanza tajba u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

2) Id-dimensjoni ekonomika tal-isport, b'mod partikolari l-finanzjament sostenibbli tal-isport, il-wirt ta' avvenimenti sportivi maġġuri, il-benefiċċji ekonomiċi tal-isport u l-innovazzjoni.

3) L-isport u s-soċjetà, b'mod partikolari il-volontarjat, l-impjiegi, u kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ fl-isport.

Dawn il-prinċipji għandhom jingħataw prijorità mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu kopert mill-Pjan ta' Ħidma. Dawn jistgħu jiġu kkumplimentati minn kull Presidenza tal-Kunsill tal-UE fid-dawl ta' kwalunkwe żvilupp ġdid li jista' jkun hemm.

Għalkemm il-prinċipju tal-integrità ser jingħata prijorità matul il-Presidenzi tal-Olanda, tas-Slovakkja u dik Maltija tal-Kunsill tal-UE, tajjeb li wieħed ifakkar li l-UE diġà nediet ħidma fost l-Istati Membri tagħha sabiex ittejjeb il-livelli ta' governanza fis-settur tal-



Malta-EU Steering & Action Committee

NATIONAL COORDINATOR 2015 European Year for Development




isport. Dan sabiex id-deċiżjonijiet li jittieħdu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tad-demokrazija, it-trasparenza u l-akkontabbiltà. Għalkemm l-istruttura tal-organizzazzjonijiet sportivi tvarja ferm minn pajjiż għal ieħor, l-UE qed taħdem biex issaħħaħ dawn l-entitajiet li jiġbru fihom atleti minn kull qasam tas-soċjetà.

Il-prinċipji li joħorġu mill-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2014-2017 jiffurmaw ukoll il-qafas tal-kriterji li fuqhom l-UE tagħti l-fondi lill-organizzazzjonijiet li jippreżentaw proposti għat-twettiq ta' proġetti li jiffokaw fuq l-isport. Infatti, permezz tal-programm ta' fondi msejjaħ Erasmus+, l-UE toffri assistenza lil organizzazzjoniet Ewropej sabiex dawn:

Isaħħu l-integrità fil-qasam tal-isport sabiex jiġġieldu kontra l-abbużi ta' sustanzi li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-atleti, il-ġlieda kontra t-tbagħbis tal-logħob u d-diskriminazzjoni;

Jippromwovu governanza tajba fl-isport;

Jippromwovu l-volontarjat fl-isport flimkien mal-inklużjoni soċjali u opportunitajiet indaqs.

Dawk l-organizzazzjonijiet li jaħdmu b'mod attiv fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika huma mħeġġa biex jikkuntattjaw lill-MEUSAC għal aktar informazzjoni dwar fondi Ewropej għall-proġetti fil-qasam tal-isport billi jibagħtu e-mail fuq funding.meusac@gov.mt jew iċemplu fuq 2200 3300.

## Kampjonat 1961-62

# Hibernians jibdew id-difiża tat-titlu bi draw

minn **Tonio Farrugia**

**L-Ewwel Ġurnata**
**30-09-1961:**
**Hibernians FC – Birkirkara FC 0-0**
**Ref: Ritchie Casha**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Andrew Ellul, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Leli Sultana, Emric Ellul, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi (Henry Vella 20').

**Birkirkara FC:** Nenu Bugeja, Leli 'Il-Likku' Saliba, Emmanuel 'Id-Diju' Borg (Pawlu Barbara 70'), Leli Pace, Lolly Borg, George Dalli, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Peter Fitzgerald, Louis Bugeja, Tony Tonna, Lino Sciberras.

1. Fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat, Hibernians lagħbu darbtejn kontra Floriana fejn tilfu 5-3 u ġew draw 2-2 u darbtejn kontra St. George's fejn rebħu 3-0 u tilfu 2-0. Fit-telfa mas-Saints Hibernians kienu lagħbu biss tliet players Leli Attard, Andrew Ellul u Ċikku Xuereb li kienu fit-team li lagħab mas-Servette fit-Tazza taċ-Champions ftit ġranet qabel.

2. Għal Hibernians irritornaw Leli Attard 'L-Għawdxi' u Leli Sultana. Attard irritorna mill-Kanada fejn kien emigra sentejn qabel filwaqt li Sultana irkupra minn injury twila wara li kien kiser siequ kontra St. Patrick FC fl-20 ta' Novembru 1960. Min-naħa tagħhom Hibernians ittrasferew lill-player Edward Azzopardi lil Floriana FC u lil Frans Peplow lil Marsa FC.

3. Birkirkara ikkonfermaw lil Frankie Tabone bħala coach tagħhom filwaqt li Hibernians ikkonfermaw lil Salvu Cuschieri bħala coach. Salvu Cuschieri huwa ħu Lolly Cuschieri ex-player ta' Sliema Wdrs li issa kien jinsab ma' St. George's FC.

4. Peter Fitzgerald iddebutta mal-Istripes wara li akkwistawh mingħand Balzan Youths filwaqt li Lino Sciberras irritorna magħhom wara staġun mal-Ispartans. Min-naħa l-oħra, huma ċedew lil Xuereb lil Żebbuġ Rangers fit-Tieni Diviżjoni.

5. Fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat Birkirkara kienu għelbu lil Mosta 4-2 u tilfu ma' Hamrun Spartans 3-0.

6. Jimmy Mizzi xejn ma kellu bidu feliċi fil-kampjonat meta weġġa' wara għaxar minuti, dam għaxar minuti oħra jiddewwa barra l-ground biex kellu jħalli postu xorta waħda fejn minfloku daħal Henry Vella.

7. Anke Leli Borg 'Id-Dijju' ta' Birkirkara ma rnexxielux jispiċċa l-partita wara li ġibed muskolu u għamel xi ħin izappap qabel ma ġie mibdul.

8. Hibernians kienu għadhom ma jistgħux jilagħbu lill-player Victor Cassar 'Il-Palun'. Fil-fatt il-player kien iffirma ma' Sliema Wdrs fis-sajf iżda wara reġa' ħasibha u ried jibqa' ma' Hibernians FC. Min-naħa tagħhom, il-Wanderers biex iħalluh jitlaq riedu jew lil ex-player tagħhom Andrew Ellul jew lill-ex ieħor tagħhom Johnnie Privitera. Hibernians ma aċċettawx din il-proposta bil-Wanderers jinformaw lill-player li kienu lesti jċeduh biss lil Żebbuġ Rangers fit-Tieni Diviżjoni. Min-naħa tiegħu, Victor Cassar kien informahom li hu kien ser jieqaf jilgħab għal dan l-istaġun. Fil-fatt Cassar baqa' ma lagħab ma' ħadd.

9. Fi tmiem il-partita, il-players ta' Birkirkara dehru jifirħu u jgħannqu lil xulxin f'sinjal ċar li draw maċ-champions kien riżultat li ma kienux qed jistennewh.

**01-10-1961:**
**Valletta FC – St. Patrick FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skorja: N. Chircop (V) 87'.**

**Valletta FC:** Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Nenu Chircop, Alfred 'Il-Waniż' Borg, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**St. Patrick FC:** Charlie Vella, Joe Degiorgio, Joseph Cassar, Godwin Camilleri, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Toninu 'Landolina' Camenzuli, George Camilleri, Charlie Mattocks.

1. St. Patrick akkwistaw lil George Camilleri mingħand Gzira Utd għal £170, lil Godwin Camilleri mingħand Zebbug Rangers u Joe Degiorgio mingħand Valletta FC. Huma kienu anke f'negozjati mal-istess Valletta biex jakkwistaw lid-difensur George Degiorgio u ma' Sliema Wanderers biex jakkwistaw lil Ġulinu Muscat fejn anke kienu offew £350. Iż-żewġ trattattivi kienu fallew. Min-naħa l-oħra, St. Patrick tilfu lid-difensur Joe Bugeja li sieħeb lil Hibernians.

2. Il-coach il-ġdid ta' Valletta FC kien l-ex player tagħhom Karm Borg, li kien għadu kemm irritorna minn sena kors fl-Edukazzjoni Fiżika fl-Universitá ta' Loughborough, filwaqt li St Patrick kienu ħatru bħala coach lil Physical Training Instructor, Underhill, li kien hawn Malta mas-Servizzi Ingliżi.

3. Bertu Zarb Cousin reġa' ħa postu bejn il-lasti ta' Valletta FC wara li l-goalkeeper Irlandiż Tommy Taylor spiċċa l-kuntratt ta' xogħol li kellu f'Malta ma' Netherlands Harbour Works Company. Taylor reġa' beda jilgħab ma' Waterford fl-Irlanda fejn fl-ewwel logħba tiegħu magħhom kważi skorja fejn ix-xutt tiegħu, megħjun mir-riħ, qarraq bil-goalkeeper avversarju Machin iżda spiċċa fuq il-mimduda.

4. Il-Footballer of the Year Joe Zammit 'Il-Ginger' kien nieqes mill-ewwel ħdax ta' Valletta minħabba li kien jinsab l-Ingilterra għal prova ma' Portsmouth. Nieqsa wkoll kien hemm id-difensur Joe Attard u Josie Urpani li t-tnejn kellhom xi differenzi malkumitat ta' Valletta.

5. Matul is-sajf Valletta ma kienu akkwistaw l-ebda player għalkemm kien irnexxielhom jakkwistaw liż-żagħżugħ promettenti ta' Gzira United, Ronnie Cocks. Madankollu Gzira kienu waqqfu dan it-transfer minħabba li sostnew li l-player ma kienx amateur u minħabba li kien marbut b'kuntratt mal-club huwa ma setax jitlaq. Min-naħa tagħhom, Valletta ċedew lil Emvic Ellul lil Hibernians, Joe Degiorgio lil St. Patrick u Charles Hili u Ralph Palmier lil Gzira United.

6. Valletta kellhom fit-team lil Joe Cilia u lil Freddie Borg 'Il-Waniż' wara xnigħat li kienu ser jemigraw. Freddie Borg kien ingħata s-sensja mill-post mal-Gvern fl-Isptar San Luqa, filwaqt li St. Patrick kellhom fit-team lil Wistin Barbara wara li fis-sajf kien kważi sieħeb lil Hibernians. Huwa kien dubjuż jekk jilgħabx f'din il-partita minħabba xi differenzi li kellu mal-kumitat.

7. Fit-tieni taqsima Valletta laqtu l-lasta tliet darbiet – darbtejn minn Pawlu Gauci u darba minn Mario Azzopardi għaxar minuti mit-tmiem.

8. Ġurnata wara din il-partita Valletta marru Bologna fejn hemmhekk lagħbu kontra t-team tas-Serie C, Ravenna, u sfaw megħluba 4-0. Fil-grupp Belti kien hemm 15-il player, il-kumitat u ħafna partitarji.

**07-10-1961:**
**Sliema Wdrs. FC – Hamrun Sp. FC 0-0**
**Ref: Frans Grech**

**Sliema Wdrs. FC:** Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Salvu Bonnici, Joe Cini, Joe Grima, Joe Aquilina, Robbie Buttigieg, Tony Griffiths (Ġulinu Muscat 46'), Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, John Bonnett, Sammy Nicholl.

**Hamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Martin Attard, Carmelo 'In-Nene' Grech, Silvio Micallef, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Gejtu Briffa, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Freddie Galea.

1. Hamrun Spartans ikkonfermaw lil Salvinu Schembri bħala l-player-coach

tagħhom filwaqt li ħatru lil Anthony Chetcuti bħala trainer. Min-naħa tagħhom, Sliema Wanderers kellhom coach ġdid, Joe Griffiths, ex-coach tat-team nazzjonali ta' Malta, filwaqt li P.T.I Morris ġie maħtur trainer.

2. Ħamrun Sp. FC ittrasferew lil Neville Mallia u Louis Bonello lil Zejtun Corinthians u lil half back Joe Cutajar lil Zurrieq. Min-naħa l-oħra, huma akkwistaw lil Twanny Buhagiar mingħand Santa Venera Lightnings, Alfred Asciak, Romeo Caligari, Joseph Psaila u George Cuschieri mingħand Gzira United filwaqt li kisbu lura lill-players Silvio Micallef u Albert Calleja mingħand Sliema Wdrs. FC u Freddie Sciberras u George Jones irritornaw mal-iskwadra. Sciberras ma lagħabx fl-istaġun ta' qabel filwaqt li Jones kien ilu ma jilgħab tliet snin.

3. Għall-Ispartans Silvio Micallef lagħab minflok George Jones li kien imweġġa' filwaqt li għal Sliema, Victor Scerri daħal bejn il-lasti minflok Ray Cosby li kien imsiefer. Victor Scerri awtomatikament kien reġa' sieħeb lil Sliema Wdrs wara li Floriana naqsu li jħallsu s-somma mifthiema tat-trasferiment tiegħu.

4. Eddie Mizzi 'Il-Bagaga' sieħeb lil Sliema Wdrs. FC mingħand St. George's FC. Biex akkwistawh il-Wanderers taw lil Wally Hili u s-somma ta' £550 lill-club Bormliż.

5. Sliema kellhom lura fit-team lill-aħwa Salvu u Ġużi Bonnici li rranġaw id-differenzi mal-club. Huma kienu lagħbu l-aħħar mal-Wanderers fit-telfa ta' 6-0 kontra Floriana fil-Final tal-Cassar Cup.

6. Kien hemm protesti ħorox minn Sliema Wanderers li kellhom goal ta' Robbie Buttiegieg imħassar għal offside fuq tixjira tal-linesman meta l-player Slimiż deher joħroġ minn wara Martin Attard qabel għeleb lil Jimmy Gatt.

7. Twanny Cassar 'Il-Ginger' ġie ammonit mir-referee wara li deher jagħmel xi mossi lejn il-partitarji tal-Wanderers minħabba li kienu qed jgħajruh kull darba li jkollu l-ballun.

8. Hamrun Spartans libsu flokkijiet ġodda – kollha bojod b'żewġ strixxi djagonali irqaq – waħda ħamra u l-oħra sewda.

9. Fil-friendlies ta' qabel il-kampjonat Sliema lagħbu tliet darbiet kontra t-team tas-Servizzi 40 Commando u rebħu 14-1, 3-1 u 0-0 filwaqt li ġimgħa qabel il-ftuħ tal-kampjonat huma għelbu lil St. Patrick 3-2.

**08-10-1961:**
**Floriana FC – St. George's FC 4-3**
**H.T 2-2**
**Ref: Ritchie Casha**
**Skurjaw: N. Mizzi (S) 12', B. Dalli (F) 40', F. Delia (S) pen. 42', T. Cauchi (F) 43', W. Hill (S) 49', L. Borg (F) 57' u B. Dalli (F) 82'**

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Edward Azzopardi, Nenu 'Il-Wiżża' MacKay, Fred Barry, Freddie Vella James (Jimmy Farrugia 46'), Żarenu Alamango, Lolly Borg, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**St. George's FC:** Albert Borg, George Curmi, Joe Brincat, Peppi Delceppo, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Ernie Glynn (Karmenu Frendo 58'), Freddie Demanuele, Freddie Delia, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Joe Mizzi, Wally Hili.

1. Wara t-tluq minn Malta tal-coach Harry Tedder, Floriana ingaġġaw lil Mr. Norris tal-H.M.S Narvik bħala l-coach il-ġdid tagħhom. Min-naħa tagħhom, St. George's ikkonfermaw lil Sultana bħala l-coach tagħhom.

2. L-akkwisti l-ġodda ta' St. George's FC kienu Ernie Glynn li jumejn qabel din il-partita kienu akkwistawh mingħand Marsa FC bi bdil mall-goalkeeper Joe Bonnici 'Il-Yumi' u s-somma ta' £100, Louis Gauci li ħaduh mingħand Rabat FC għas-somma ta' £200 u Wally Hili li akkwistawh mingħand Sliema Wdrs bħala parti mit-trasferiment ta' Eddie Mizzi 'Il-Bagaga' għal mal-Wanderers. Min-naħa l-oħra, huma ċedew lil Aldo Serracino Inglott lil Zebbug Rangers fit-Tieni Diviżjoni filwaqt li tilfu lill-player Salvu Scicluna 'L-Iscotch' li baqa' ma rkuprax minn uġigħ fl-għaksa u waqaf mill-football.

3. L-akkwisti ta' Floriana FC kienu Charlie Bennetti 'In-Najsu' li rritorna magħhom għal £140 wara tliet snin ma' Rabat FC, il-goalkeeper Sam Delceppo (ħu Peppi ta' St. George's) mingħand Little Rainbows, Edward Azzopardi mingħand Hibernians u Nenu MacKay mingħand Valletta FC. L-akkwist ta' MacKay kien kemmxejn ikkumplikat u kien ġie deċiż mill-MFA fil-Laqgħa tal-Kunsill tas-17 ta' Awwissu, 1961. Għalkemm Valletta kienu ġabu l-provi li l-player kien iffirma professional magħhom, Floriana kienu sostnew li l-player ma kienx fir-Retained List li l-club Belti daħħal l-MFA u għalhekk seta' jitlaq. Barra minn hekk l-Assistent Segretarju tal-MFA, Baldacchino, qal li l-players kollha li kienu lagħbu fit-team Olimpiku Malti, inkluż Nenu MacKay, kollha kienu ffirmaw dikjarazzjoni li ma setgħux jaqilbu l-istatus tagħhom minn amateurs għal professjonali sakemm jgħaddi l-logħob li kellhom mat-team Olimpiku Malti. Valletta nfurmaw lill-MFA li kienu ser jappellaw mid-deċiżjoni quddiem l-FA ta' Londra.

4. Il-players ta' St. George's, Nenu Mizzi u Louis Gauci, kienu nġiebu lura Malta mill-club Bormliż għal din il-partita wara li kienu msefrin fl-Afrika fuq laħriġ mal-Armata.

5. Ma' Floriana lagħab Pullu Demanuele li kien dubjuż wara li kien weġġa' f'Budapest fit-training qabel il-partita tat-Tazza tat-Tazzi kontra Ujpest Dosza. Dak in-nhar kien lagħab minfloku Twanny Sultana li kien tela' l-Ungerija mat-team Furjaniż fuq inizjattiva tiegħu tant li kien ħallas għall-passaġġ minn butu.

6. Fit-tieni taqsima, il-Pulizija daħlet titfi nar li kien qabad in-naħa tas-side ta' Hibernians. In-nar ġie kkontrollat fejn ħadd ma weġġa' fl-inċident.

7. Il-logħob waqaf għal ħames minuti fl-okkażjoni tat-tielet goal Furjaniż meta nfaqa' l-ballun u ma kienx hemm ieħor tajjeb għal-logħob.

Klassifika: Valletta FC u Floriana FC 2 pti.; Hibernians FC, Birkirkara FC, Sliema Wdrs. FC u Hamrun Sp. FC 1 pt.; St. George's u St. Patrick 0 pti.

L-Aqwa Skorers: B. Dalli (Floriana FC) 2 goals.

Il-poloz għall-Istaġun il-ġdid tal-MFA telgħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-MFA, fis-17 ta' Awwissu, 1961, fil-5.00 p.m.

Hibernians oġġezzjonaw li jħallsu l-ispejjeż tar-rappreżentant tal-MFA li kien ser jakkumpanja lit-team Pawlist għall-partita tat-Tazza taċ-Champions kontra t-team Svizzeru Servette. Fil-passat, biex jittaffew l-ispejjeż il-proċedura kienet li r-rappreżentant tal-MFA jintgħażel mill-istess club li jkun ser isiefer iżda wara l-inċident waqt Tour fil-Libja li fih l-istess Hibernians kienu lagħbu lill-player Fredu Church li kien sospiż tliet snin u r-rappreżentant tal-MFA Carmelo Baluci (li kien ukoll il-President tal-club ta' Hibernians) ma qal xejn, l-MFA ħasset il-bżonn li tinbidel il-proċedura u r-rappreżentant tagħha jkun membru tal-Kunsill minn club ieħor.

Is-Sur Ġann Bencini ta' Melita FC irritorna fil-Kunsill tal-MFA wara nuqqas ta' sena meta nħatar rappreżentant tal-clubs tat-Tielet Diviżjoni. Fil-votazzjoni li saret huwa kien ġab seba' voti, wieħed iktar minn Karm Mifsud ta' St. Joseph FC (Msida).

Is-suq tat-trasferimenti tas-sajf kien ikkaraterizzat mill-akkwist tal-player Nenu MacKay li telaq lil Valletta u ffirma professional ma' Floriana. Il-club Belti pprova jwaqqaf dan it-trasferiment meta ppreżenta quddiem l-MFA kuntratt li kien juri li sentejn qabel MacKay kien iffirma professjonali ma' Valletta iżda dan il-kuntratt kien inżamm fil-club u qatt ma ddaħħal fl-MFA sabiex il-player ikun jista' jilgħab mat-team Olimpiku Malti li kien iffurmat minn players Amateurs. Floriana sostnew li peress li Valletta kienu kull sena jippreżentaw quddiem l-MFA ir-reġistrazzjoni ta' MacKay bħala Amateur u peress li MacKay ma ġiex imniżżel fir-Retained List mill-club Belti allura kellhom kollox skond ir-regolamenti biex il-player jirreġistra professjonali magħhom. Il-Kunsill tal-MFA fis-seduta tas-17 ta' Awwissu, 1961, qata' l-każ favur Floriana. Din il-votazzjoni kienet karaterizzata minn ħafna astensjonijiet tant li Floriana rebħu l-votazzjoni 3-1 biss. Erbat ijiem wara, f'seduta oħra tal-Kunsill, il-club Belti ngħata permess li jressaq Appell kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem l-FA ta' Londra.

# KOMPETIZZJONI




## Spot the Ball u irbaħ

### Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.
Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2016

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 106



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 106 hija:
**D. Pomroy (Marsaxlokk)**



## Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 106

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | O | B | R | O | S | A | V | L | J | E | V | I | C |
| E | | E | | B | | D | | O | | | A | | O |
| M | A | C | H | A | D | O | | M | A | T | R | I | X |
| A | | K | | J | | | K | U | N | | D | | W |
| N | I | E | K | E | R | K | | | D | E | Y | N | A |
| U | | N | | | O | O | I | J | E | R | | | I |
| E | M | B | O | L | O | | G | | R | A | M | O | N |
| L | | A | | A | N | G | E | L | | Z | | R | |
| E | C | U | B | L | E | I | | I | R | O | V | I | C |
| | | E | | L | Y | D | O | N | | | E | G | |
| K | I | R | W | A | | M | | D | A | R | C | I | S |
| | H | | E | N | I | A | | A | | U | | N | |
| M | A | R | I | A | N | N | E | | | D | R | A | G |
| | B | | R | | O | | L | U | P | I | | L | |

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

**Rebbieħa Ħarġa nru 106:**
Ms H. Calleja Birkirkara

**FITNESS STUDIO**

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2016:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**MIMDUDIN**

1. Kylie, footballer internazzjonali Maltija tal-Under 15 (13)
8. Carannante, bowler internazzjonali Maltija (7)
9. Luca, player professjonali Belġjan tas-Snooker (6)
10. u 32. Belt ospitanti Ġappuniża fil-FIFA WC 2002 (7)
11. Peter, eks player u kowċ tal-Irlanda ta' Fuq (7)
13. Caleb, atleta Kenjan 'tad-deheb' (5)
14. u 15. Club tal-footballl fis-Swiss Super League (4)
15. Ara 14 Mimdudin
17. Lopes, tennista professjonali Russa (9)
19. Real Club Deportivo de .. Coruña (2)
20. Debba Daniża ta' 8 snin (5)
22. Claudio, midfielder difensiv Arġentin ta' WBA (5)
23. Yūichi, right-back internazzjonali tal-Ġappun (6)
24. "Lonshults ....", żiemel Svediż ta' 11-il sena (4)
25. Leverkusen, club tal-football Ġermaniż imwaqqaf fl-1904 (5)
26. Clarence, rebaħ iċ-Champions League ma' 3 clubs differenti (7)
28. Felipe, sewwieq Brażiljan tal-F1 mat-tim Sauber-Ferrari (4)
30. Ming, l-itwal basketballer li qatt lagħab fl-NBA (3)
32. Ara 10 Mimdudin
33. Shinji, ex-midfileder Ġappuniż ta' Feyenoord u Bochum (3)
35. Payne, player internazzjonali Irlandiż tar-Rugby (5)
36. Formosa, player ta' Hibs fl-istaġun fl-1934/35 (4)

**WEQFIN**

1. Il-mibki jockey Irlandiż ta' fama mondjali (3,6)
2. Belt osptitanti fil-FIFA WC 1986 (14)
3. John, referi Ingliż fil-FIFA WC 1966 (5)
4. Liran, referi Iżraelit tal-football (5)
5. "....... As" debba Taljana ta' 6 snin (7)
6. Azzopardi, ċiklist Malti fli sport tal-BMX (9)
7. Kenneth, centre-back internazzjonali Niġerjan (6)
12. Abdilla, atleta fid-distanza medja ta' La Salle AC (4)
14. L-isport favorit tal-mibki Wilfrid Asciak (7)
16. M'Baye, winger offensiv Franċiż ta' AC Milan (5)
18. Franz, attakkant tal-Ġermanja tas-snin 30 (6)
20. Jean Claude, ħa sehem fil-European Kids Athletics Games 2015 (6)
21. Sammut, ex referi internazzjonali Malti tal-football (5)
23. Laszlo, l-ewwel sostitut li skorja hat-trick fit-Tazza tad-Dinja (4)
25. Irina-Camelia, tennista professjonali Rumena (4)
27. Football Association (1,1)
29. Winger għat-Taljani (3)
31. Jon ... Mikel, midfielder ta' Chelsea FC (3)
33. u 34. "Reve de l'....", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (4)
34. Ara 33 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00
Sat 08.00 - 18.00
Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230
6 months €160
3 months €110
1 month €50
daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information



BUY A 6-PACK TO
WIN*
UEFA EURO 2016™
TICKETS
SEE SIDE OF PACK FOR DETAILS
UEFA
EURO2016
FRANCE
Official Beer
20
16
*Visit carlsbergpromotions.com.mt for details.
Terms & Conditions apply.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts
/CarlsbergMalta
Carlsberg